**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud[1])**

**vs.**

**Cleaven Ray Mizzi**

Numru: 112/2011

Illum 7 ta' Frar 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Cleaven Ray Mizzi,** iben Raymond u Lorenza nee' Cremona, imwieled Pieta` nhar il-20 ta' Mejju 1986, residenti fil-fond numru 67, Raylor, Triq il-Gummar, B'Kara u detenur tal-karta tal-Identita bin-numru 234086M, akkuzat talli nhar il-11 ta' Lulju 2011, ghall-habta tat-tlieta u kwart ta' wara nofsinhar (15:15) gewwa Tal-Helu limiti ta' Kercem, Ghawdex, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti;

a. Talli: involontarjament ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Sandro Barbara;

[1] Fit-12 ta' Settembru 2016 l-Ispettur Josric Mifsud b'*email* informa lid-Deputat Registratur ta' din il-Qorti li minn meta kien trasferit ghal Malta l-kazijiet tieghu ghaddew ghand l-Ispettur Bernard Charles Spiteri.

b. Ukoll talli: fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, involontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli li jammonta ghal aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-detriment ta' *European Flight Academy*;
c. Ukoll talli: fuq Kercem, Ghawdex, u/jew f'lokalitajiet ohra f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda tajjar l-ajruplan tat-tip Tecnam P92J, bin-numru tar-registrazzjoni 9H-ADU fl-gholi ta' inqas minn 500 pied mill-art, jew mill-bahar minghajr permess tad-Direttur Generali;

U fl-ahhar il-Qorti giet mitluba illi f'kaz ta' htija 'l hawn fuq l-imsemmija jhallsu lill-parti offiza dak l-ammont ta' flus li jista' jigi stabbilit mill-Qorti f'dik id-direttiva bhala kumpens ghal dak it-telf kif imsemmi jew ghad-danni jew hsara kagunati permezz tar-reati.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 722) datata 30 ta' Dicembru 2013 li permezz taghha baghat lill-imputat Cleaven Ray Mizzi biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(1) Fl-Artikolu 226(1)(b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(2) Fl-Artikolu 328(c) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(3) Fl-Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u fir-regolament 62 tal-Avviz Legali numru 176 tas-sena 1990 hekk kif sussegwentement emendat u kif ukoll tar-regolament 5(1) tat-Tieni Sezzjoni tat-Tlettax-il Skeda tal-Avviz Legali 176 tas-sena 1990 hekk kif sussegwentement emendat;

(4) Fl-Artikoli 17, 31, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi, waqt l-udjenza tad-19 ta' Frar 2014 (*a fol.* 724), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fit-30 ta' Dicembru 2013, u f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef.

Rat illi fis-seduta tal-1 ta' Gunju 2016 il-Qorti tat cans lill-partijiet sabiex jipprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub.

Rat illi l-Prosekuzzjoni baqghet ma pprezentatx is-sottomissjonijiet taghha bil-miktub, minkejja li nghatat il-fakolta' taghmel hekk.

Rat illi d-Difiza pprezentat is-sottomissjonijiet taghha bil-miktub fit-30 ta' Novembru 2016.

**Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.**

**IL-*FATTI SPECIE* TAL-KAZ**

L-imputat Cleaven Ray Mizzi dakinhar tal-incident kien *flight instructor* li kien qed jaghti tahrig lil Sandro Barbara li kien student qed jitghallem sabiex jakkwista l-Private Pilot Licence (PPL).

Jidher li dakinhar tal-incident l-istudent kellu jaghmel is-*solo flight* tieghu, izda dan ma sehhx minhabba li kien hemm problema ta' rih[2]. L-istess xhud ikompli jghid li ghalkemm it-temp ma kienx problematiku, però waqt il-vjagg *"kif wasalna u qbizna l-parti ta' Kemmuna xi daqxejn turbulence 'l hemm u l'hawn dejjem kien hemm. Ma knitx xi wahda massiva imma dejjem kien hemm."*[3]

Dan il-fattur tat-*turbulence* jsemmih ukoll student iehor li kellu lezzjoni qabel Sandro Barbara. Dr. Brian Said[4] jghid testwalment: *"Dakinhar ghalija kien hemm turbolenza mhux pjacevoli u fil-fatt il-landings tieghi ma kienux kif xtaqt jiena. Filfatt ma hassejtnix komdu, jiena staqsejt lill-instructor ghaliex kien qed jigri hekk u hu qalli kollox normali tista' tkompli, qalli però peress illi s-shana dawn l-affarijiet tista' tistennihom."*

Gie deciz li minflok is-*solo flight* l-istudent Barbara jkollu lezzjoni ohra, u f'din il-lezzjoni l-instructor l-imputat Cleaven Ray Mizzi kien ser jaghti lill-istudent *demonstration ta' forced landing*[5]. Dan l-ezercizzju jigi mghallem sabiex l-istudent jitghallem jikkontrolla ajruplan f'kaz ta' emergenza u jitghallem inizzel ajruplan f'post iehor li mhijiex is-solita *runway*, skond l-emergenza bl-aktar mod sigur possibbli.

---

[2] a fol. 583
[3] a fol. 583
[4] a fol. 100
[5] a fol. 579

Dan kien ezercizzju fejn l-istudent jigi preparat jirreagixxi u jkun jaf x'ghandu jaghmel mhux f'kaz fejn kollox ikun regolari u allura jnizzel l-ajruplan fuq ir-*runway*, bl-ghajnuna tat-tekonologija stess tal-ajruplan, izda fejn ikun hemm emergenza jew ghaliex tmur il-magna, jew ghaliex jispicca l-fuel, jew ghal kwalsiasi raguni ohra li tista' tinqala matul il-vjagg. F'din is-sitwazzjoni, il-pilota, necessarjament, ikollu jiddipartixxi minn dak kollu li generalment isir meta jkun il-bnazzi u bla problemi u fejn it-teknologija stess tal-ajruplan tghin lill-pilota, u f'temp ta' ftit sekondi esklussivament fuq il-hiliet tieghu (specjalment jekk ikun hemm *engine failure*) jaghzel l-ahjar post biex inizzel l-ajruplan f'kaz ta' emergenza, u jaghmel dan b'mod sigur ghalih u ghall-passiggieri.

Skond Sandro Barbara[6], f'dan l-ezercizzju l-ajruplan bilfors irid jitlef certu *altitude* ghaliex ovvjament wiehed ikun qed jaghmel simulazzjoni ta' emergenza fejn il-magna tal-ajruplan tkun waqfet tahdem.

Jidher li Sandro Barbara meta kellu l-kontroll tal-ajruplan u gie mistoqsi mill-instructor sabiex jaghzel post ghal *emergency landing* f'kaz ta' *engine failure*, huwa ma kienx ghazel post tajjeb u l-posizzjoni tieghu lanqas ma kienet qeghda tajba u ghalhekk kien ha l-kontrolli f'idejh l-instructor l-imputat Mizzi sabiex jurih kif ghandu jsir dan il-*landing*.[7]

Meta l-instructor kellu l-kontroll tal-ajruplan f'idejh, u waqt li l-instructor kien qed jaghmel d-*demonstration* tal-*forced landing with engine failure*, sehh l-incident. Fi kliem Sandro Barbara: *"L-ahhar*

[6] a fol. 581
[7] a fol. 584

*turn to the right tajjeb, li fil-fehma tieghi kellha twassalna ghal landing area biex nifthemu tajjeb, kif dar on the right, l-ajruplan gie kwazi f'sitwazzjoni fejn inqlibna kwazi rasna 'l isfel. Mhux totalment jigifieri. Komplejna nezlin 'l isfel tajjeb, u imbaghad irnexxielu jerga' jdawwar l-ajruplan imma bla speci kien tard wisq."*[8]

Ezatt wara l-impatt l-imputat hareg immedjatament mill-ajruplan u hareg ukoll lil Sandro Barbara mill-ajruplan. Dr. Mario Scerri, l-espert mediku mqabbad fl-inkjesta rrapporta li Barbara kellu frattura zghira tal-i*scapula* x-xellugija li hija ferita gravi per durata[9]. L-imputat Cleaven Ray Mizzi sofra *contusion* fil-base tal-pulmun tal-lemin kagunata minn *blunt trauma*, u din il-lezjoni hija gravi per durata.[10]

In segwitu ghall-incident saret inkjesta magisterjali, liema inkjesta, ghalkemm f'Ghawdex giet kondotta mill-Magistrat Dr. Giovanni Grixti dakinhar bhala Magistrat assenjat id-doveri dwar l-inkjesti Magisterjali kollha in genere illi jsiru b'konnessjoni ma' incidenti li jinvolvu ingenji tal-ajru u incidenti marittimi skond l-assenjazzjoni maghmula mill-President tal-Qorti.[11]

Il-Magistrati Inkwirenti kkonkluda li Cleaven Ray Mizzi kellu jirrispondi ghall-incident de quo u talab li jittiehdu proceduri kriminali kontra tieghu principalment minhabba ksur tal-*Air Navigation Order* konsistenti f'*low flying*.[12]

Il-Magistrat Inkwirenti ghamel ukoll konsiderazzjonjiet ulterjuri fejn apparti li ordna lic-*Civil Aviation Directorate* sabiex ma thallihx

---

[8] a fol. 582
[9] a fol. 508
[10] a fol. 509
[11] a fol. 15
[12] a fol. 44

jezercita l-privileggi tal-licenzja tieghu f'Malta, iddikjara wkoll li: *"fil-kors tal-indagini irrizulta illi **hadd f'Malta ma ghandu permess bil-miktub ghal low flying minkejja li de facto isir low flying naturalment ghall-iskop legittimu ghall-opteniment tal-licenzji mahruga mic-Civil Aviation Directorate**[13]. Il-prassi hija accettata sal-punt li anke it-Torri tal-Kontroll ma jara ebda raguni ghaliex ghandu jaghmel kuntatt mal-ajruplan meta dan ma jibqax jidher fuq ir-radar meta fl-inhawi tal-korsa taz-zwiemel jew il-Heliport fuq Ghawdex."*[14]

Il-Magistrati Inkwirenti rrakomanda lic-*Civil Aviation Directorate*: *"sabiex jidentifika area/s idonei ghall-low flying sabiex ikun jista' jsir tali ezercizzju in ottempranza mal-Exercise 16 ghall-licenzja PPL SEP ghal kull min japplika ghal tali permess u li tali area/s ikunu debitament mmarkati u senjalati ……"*[15]

## KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI GENERALI

### Preliminari

Din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Quddiemha persuna jew persuni jigu mixlija li wettqu reati kriminali. Il-Qorti hija adita bl-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha u li jkunu maghmula mill-prosekuzzjoni. Hemm limitu kemm il-Qorti tista' tkun flessibbli fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha.

Għalkemm verament li l-komparixxi li fuqha hemm l-imputazzjonijiet hija ritenuta bħala *un avviso a comparire*, l-imputazzjonijiet huma dejjem ta' indoli penali. Ir-regoli tal-

[13] Sottolinear tal-Qorti
[14] a fol. 44
[15] a fol. 45

procedura ma jistgħux jigu interpretati b'mod wiesa' tali li l-parametri tal-azzjoni penali jigu spustati jew mibdula. Altrimenti d-difiza ma tkunx tista' tiddefendi ruħha kif jixraq.

Quddiem din il-Qorti jekk persuna tinstab ħatja teħel piena. Jekk ma tinstabx ħatja tigi meħlusa mill-imputazzjonijiet dedotti. Il-valutazzjoni dwar jekk persuna tkunx ħatja jew le tiddependi dejjem fuq il-provi li jingiebu quddiemha (u quddiem ebda post jew medium ieħor) u l-istess valutazzjoni hija marbuta mal-imputazzjonijiet kriminali li jkunu gew miktuba u prezentati quddiemha mill-Pulizija Ezekuttiva jew skont kif ikunu gew mizjuda jew mibdula fl-istadju opportun – u dejjem mhux aktar tard minn meta l-Prosekuzzjoni tkun iddikjarat il-provi tagħha magħluqa. Altrimenti jekk ma jkunx hekk l-akkuzatur ikun jista' jbiddel il-parametri tal-azzjoni penali skont meta jidhirlu u skont l-andament ta' dak li jkun qed iseħħ jew li jkun irrizulta matul il-kors tal-process penali.

Għalkemm hemm element ta' flessibilita' provdut minn certu gurisprudenza fir-rigward tal-procedimenti quddiem dawn il-Qrati ta' gurisdizzjoni limitata, din il-flessibilita' trid tkun tali li ma tkunx ta' pregudizzju għall-proceduri penali u għad-drittijiet tad-difiza.

Is-setgħat ta' din il-Qorti u r-rimedji li din il-Qorti tista' tagħti f'kull kaz huma limitati u ristretti għal dawk li huma previsti mill-Ligi u fil-Ligi. Din il-Qorti ma għandiex is-setgħa, ossia *carte blanche* li tiddeciedi kif trid u tipprovdi kull rimedju li jidħlilha f'moħħha jew li trid jew li tkun tixtieq tagħti. Il-provvedimenti tagħha huma limitati għal dawk provduti fil-Kodici Kriminali.

Din il-Qorti ma tistax tieħu post jew tissostitwixxi l-Qorti Civili kompetenti jew tagħti rimedji ta' natura civili li ma humiex prevvisti mill-Kodici Kriminali bħala li jistgħu jigu emanati minn Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

F'kull kaz pero, stante li din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali hija marbuta bit-termini tal-imputazzjoni skont kif spjegat aktar 'il fuq. Aktar minn hekk quddiemha huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-kaz tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinciment morali u sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Mill-banda l-oħra jekk id-difiza tagħzel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet kif sar f'dan il-kaz, huwa bizzejjed għad-difiza li tikkonvinci lil Qorti bit-tezi tagħha fuq bazi ta' konvinciment morali li jistrieħ fuq bilanc ta' probabbilita u f'kaz li dan iseħħ, u l-Qorti ma tħossiex moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputat.

Dawn huwa principji kardinali li jsawru l-procediment penali Malti. Jogħgbuna jew ma jogħgbuniex, dawn huma wħud mir-regoli bazilari li jistrieħ fuqhom il-procediment penali Malti.

Biss din il-Qorti ma tistax tieqaf hawnhekk. Hija marbuta li tiggudika dan il-kaz skont l-akkuza li giet magħmula mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputat u ma tistax tbiddel hi bis-setgħa tagħha stess il-parametri tal-kawza intrapriza mill-Prosekuzzjoni u tiddeciedi kif jiftlilha jew tmur lil hinn mill-imputazzjonijiet prezentati lilha mill-Prosekuzzjoni.

**Oneru tal-Prosekuzzjoni**

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

> *"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat. Pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Graham Charles Ducker**:

> *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

Il-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, waqt li d-difiza trid tipprova d-difiza taghha fuq bazi ta' probabbilita'.

Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija v Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat

mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller v Minister of Pension** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni '*proof beyond a reasonable doubt.*'

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew

akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor.

**Apprezzament tal-provi fl-assjem:**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

**XIEHDA**

F'dan il-process xehdu ghoxrin (20) xhud kif gej:
*Il-Perit Gordon Vella (a* fol. *573 et seq.), Max Xuereb (a* fol. *575 et seq.), Sandro Barbara (a* fol. *577 et seq.), PS342 Johan Said (a* fol. *593 et seq.), Dr. Mario Scerri M.D. (a* fol. *618 et seq.), Kaptan Ray Zarb (a* fol. *620 et seq.), Anthony Scicluna (a* fol. *631 et seq.), John Xuereb (a* fol. *645 et seq.), Joseph Galea (a* fol. *648 et seq.), Joseph Grech (a* fol. *650 et seq.), Louis Attard (a* fol. *652 et seq.), Gunner Franco Azzopardi (a* fol. *655 et seq.,George Borg Marks (a* fol. *662 et seq.), Supretendent (illum Assistent Kummissarju) Martin Sammut (a* fol. *675 et seq.), Spettur Josric Mifsud (a* fol. *677 et seq.), Noel Attard (a* fol. *687 et seq.), Joseph Schiavone (a* fol. *693 et seq.),Charles Galdies (a* fol. *714 et seq.),Spettur Josric Mifsud (a* fol. *745 et seq.) u l-imputat Cleavon Ray Mizzi (a* fol. *762 et seq.).*

Din il-Qorti m'hijiex f'posizzjoni vantaggjuza bhal Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda, u dan ghaliex hija ma ghexitx il-process kollu tul medda ta' zmien u ghalhekk ma semghetx ix-xhieda kollha jixhdu *viva voce* quddiemha. Ghalhekk

mhix f'pozizzjoni li tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom, stante li ma kinitx hija stess li kkonstatat x'interess seta' kellu xi xhud fid-data li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.

**Dewmien ta' procedura**

Il-Qorti tinnota li l-proceduri huma marbuta ma' incident li sehh fil-11 ta' Lulju 2011. Instemghu xiehda f'seduti li nzammu fid-29 ta' Frar 2012, fl-4 ta' Lulju 2012, fis-26 ta' Settembru 2012, fis-7 ta' Novembru 2012, fl-20 ta' Frar 2013, fil-15 ta' Mejju 2013, fit-12 ta' Gunju 2013, fis-16 ta' Ottubru 2013, fit-3 ta' Novembru 2015 u fl-1 ta' Gunju 2016.

F'dan ix-xenarju ta' dewmien bla bzonn, din il-Qorti ttenni dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza "Il-**Pulizija vs. Anthony Azzopardi**" [4.2.2010] u cioe' li:-

> *"Ghalkemm din il-Qorti tifhem u tapprezza li biz-zieda enormi fil-kompetenza taghhom f'dawn l-ahhar snin il-Qrati tal-Magistrati gew inondati bix-xoghol u qed jahdmu taht pressjoni liema bhalha, dan id-dilungar zejjed biex jigu decizi kawzi fil-Qrati tal-Magistrati bhala Qrati ta' Gudikatura Kriminali, wara li l-Avukat Generali jkun baghat l-artikoli, qed johloq znaturazzjoni tal-processi kriminali li min-natura taghhom ghandhom jigu decizi kemm jista' jkun malajr kemm fl-interess tal-persuna akkuzata u kif ukoll fl-interess tas-socjeta' li f'isimha tkun qed issir il-prosekuzzjoni ... din is-sitwazzjoni, li ma tikkoncernax biss din il-kawza, mhix accettabbli u hemm bzonn li tigi korretta b'mizuri legizlattivi li jassikuraw li dawn il-kawzi jigu decizi fi zmien ragjonevoli izda li jkun mandatorju u stabbilit bil-ligi."*

Dwar dan esprimiet ruhha l-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza **Samuel Onyeabor vs. Avukat Generali** deciza nhar it-Tnejn 14 ta' Dicembru 2015:

> *Fil-fatt eżami tal-proċess ta' kumpilazzjoni juri illi d-dewmien kien mhux minħabba l-komplessità tal-każ jew minħabba l-volum ta' xhieda, iżda minħabba l-mod kif il-proċess tmexxa, li juri illi n-nuqqas aktar milli f'parti jew f'oħra qiegħed fis-sistema nnifsu, li ma jħallix li proċess jibda u jintemm iżda jitkarkar: il-għbir tax-xiehda jsir bin-nifs, seduti jinħlew billi jinstema' biss xhud wieħed għal ftit minuti, seduti oħra jkollhom jitħassru għax lill-Qorti stess jew lill-Prosekuzzjoni jidħlilhom xogħol ieħor aktar urġenti u jitħassru wkoll seduti għal raġunijiet varji. Naturalment, aktar ma l-proċess jieħu fit-tul, aktar tqum il-possibilità li jinqalgħu ostakoli, li jkomplu jwasslu għal aktar dewmien.*
>
> *Din il-Qorti, bħall-ewwel Qorti, tapprezza illi l-volum ta' xogħol u n-nuqqas ta' riżorsi jwasslu għal sitwazzjoni fejn ma jibqax possibbli li kull kaz jingħata l-attenzjoni indiviżà biex jitmexxa b'ħeffa u bla ħela ta' żmien ... Ma nistgħux ma ngħidux ukoll, iżda, illi hemm nuqqasijiet ukoll min-naħa tal-operaturi tas-sistema, għax hija l-inerzja li twassal biex l-affarijiet inkomplu nagħmluhom b'dan il- mod "għax dejjem hekk sar", u għalhekk, għalkemm nafu li jsiru ħażin, inkomplu nagħmluhom hekk.*[16]

**Dritt ghall-avukat**

[16] Rikors numru 18/2014 TM, Imhallef Giannino Caruana Demajo (Agent President), Imhallfin Noel Cuschieri u Joseph Zammit McKeon.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tad-difiza ssir referenza ghall-istqarrija li ta l-imputat lill-Magistrat Inkwirenti, liema stqarrija nghatat minghajr id-dritt li jikkonsulta l-avukat tal-ghazla tieghu.

Ix-xiehda tal-imputat tinsab inserita u traskritta[17]. Ma jirrizultax li l-imputat inghata gurament meta l-Magistrat Inkwirenti ha il-verzjoni tieghu kuntrarjament ghal kumplament tat-testimonjanzi tax-xhieda l-ohra. Ma jirrizultax li l-imputat inghata d-dritt li jikkonsulta mal-avukat ta' fiducja tieghu qabel ma beda jaghti d-dikjarazzjoni tieghu.

Mill-atti jidher li huwa nghata l-*caution* fejn gie moghti dritt li jibqa' fis-silenzju izda ma giex moghti d-dritt li jikkonsulta mal-avukat.

Fix-xiehda ta' Sandro Barbara, ghalkemm ukoll tidher li hi bla gurament il-kwistjoni tal-assistenza tal-avukat kienet issemmiet u anke giet imnizzla. Kosegwentament isegwi li la fil-kaz tal-imputat dan id-dritt ma ssemmiex, in linea mal-principju *quod non est in actis non est in mundo*, isegwi li dan id-dritt ma nghatax.

Din il-Qorti tirrileva illi la l-imputat kien qed jigi investigat, u anke skond l-ispettur sahanistra kien taht arrest[18], l-imputat kellu jinghata dritt li jikkonsulta mal-avukat ta' fiducja tieghu.

Ricentament inghataw numru ta' sentenzi rigward in-nuqqas li persuna suspetta tikkonsulta ma' avukat fejn anke gie dikjarat li dan id-dritt jidhol fis-sehh sa mill-istadju inizjali tal-investigazzjoni[19].

---

[17] a fol. 53 sa 66

[18] a fol. 678: "Stqarrija ma kinitx ittiehdet minn naha tieghi; kienet ittiehdet direttament mill-Magistrat Grixti, diversi drabi fil-fatt. Qeghdin annessi kollha fil-PV, inghata twissija mill-Magistrat u fil-fatt gew arrestati."

[19] Il-Qorti se tislet minn decizjonijiet varji li tat l-Imhallef Edwina Grima meta kienet qeghda tippresiedi l-Qorti tal-Appell Kriminali u li din il-Qorti taqbel mal-interpretazzjoni taghhom.

Illi d-dritt ghal smigh xieraq kif sancit fl-artikolu 6(1) u l-artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropeja gie estiz mill-gurisprudenza ewropeja mhux biss ghal jedd li ghalih hija intitolata l-persuna akkuzata matul il-proceduri penali fil-qorti izda wkoll ghal hekk imsejjah *pre-trial stage* u cioe' ghall-istadju meta persuna tkun giet arrestata u ser tigi interrogata. Dina l-fehma ghalhekk tfisser illi l-artikolu 6(3)(c) li jipprovdi dwar l-assistenza legali ghandu jsib applikazzjoni anke fl-istadju tal-interrogazzjoni tal-persuna suspettata. Dana ghaliex huwa principju stabbilit fis-sistema penali taghna illi persuna ghandha titqies li hija innocenti sakemm ma tigix misjuba hatja minn qorti gudizzjarja. Kwindi hija ghandha dritt illi ma tinkriminax ruhha bl-ebda mod u dana sa mill-istadju inizjali tal-interrogazzjoni. Sabiex dana d-dritt jigi salvagwardjat ghalhekk kull persuna ghandha d-dritt li tikseb l-assistenza legali u dana sabiex tkun fl-ahjar pozizzjoni illi thejji d-difiza taghha. Dana huwa vitali billi fis-sistema penali taghna il-konfessjoni tal-persuna akkuzata hija prova ewlenija fil-process gudizzjarju istitwit kontra taghha.

Il-Qorti Kostituzzjonali, madanakollu kienet recentement ziedet linji gwida ohra ghal gudikant li jkollu f'idejh id-decizjoni dwar jekk ghandux jiehu kont ta' stqarrija tal-interrogat bhala prova in atti sabiex jasal ghall-gudizzju tieghu. Gie deciz illi fuq kollox ghandu jittiehed kont tal-fattispecje ta' kull kaz fost ohrajn il-vulnerabbilita tal-persuna li tkun qed tigi interrogata (fosthom l-eta', il-precedenti penali) l-jedd li l-persuna interrogata kellha biex tibqa' siekta u ma twegibx ghal dawk il-mistoqsijiet li jistghu jinkriminawh, l-inattivita da parti tal-akkuzat milli jipprova jattakka l-validita tal-istqarrija tieghu mill-bidunett tal-proceduri, il-provi l-ohra li hemm fl-atti,

fost ohrajn, liema decizjonijiet saret referenza ghalihom fid-decizjoni impunjata.

Illi f'decizjoni recenti[20] moghtija mill-Qorti Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem gew affermati il-principji generali li ghandhom jigu segwiti mill-qrati meta inghad:

> **"Early access to a lawyer is one of the procedural safeguards to which the Court will have particular regard when examining whether a procedure has extinguished the very essence of the privilege against self-incrimination. These principles are particularly called for in the case of serious charges, for it is in the face of the heaviest penalties that respect for the right to a fair trial is to be ensured to the highest possible degree by democratic societies.**
>
> **The Court reiterates that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6. The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction.**
>
> **Denying the applicant access to a lawyer because this was provided for on a systematic basis by the relevant legal provisions already falls short of the requirements of Article 6."**

Il-Qorti ddecidiet illi l-fatt wahdu illi l-ligi domestika ma kinitx tipprevedi d-dritt ghall-assistenza legali meta l-persuna suspettata

[20] Mario Borg vs Malta 37537/13 12/01/2016

kienet tinsab fil-kustodja tal-pulizija hija bizzejjed sabiex ikun hemm vjolazzjoni tal-artikolu 6:

**"60. The Court notes that it has found a number of violations of the provisions at issue, in different jurisdictions, arising from the fact that an applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see, for example, *Salduz*, cited above, § 56; *Navone and Others v. Monaco,* 24 October 2013; *Brusco v. France*, October 2010; and *Stojkovic v. France and Belgium*, 27 October 2011). A systemic restriction of this kind, based on the relevant statutory provisions, was sufficient in itself for the Court to find a violation of Article 6 (see, for example, *Dayanan v. Turkey*, no. 7377/03 §§ 31-33, 13 October 2009; *Yeşilkaya v. Turkey*, no. 59780/00, 8 December 2009; and *Fazli Kaya v. Turkey*, no. 24820/05, 17 September 2013).**

**61. In respect of the present case, the Court observes that no reliance can be placed on the assertion that the applicant had been reminded of his right to remain silent (see *Salduz*, cited above, § 59); indeed, it is not disputed that the applicant did not waive the right to be assisted by a lawyer at that stage of the proceedings, a right which was not available in domestic law. In this connection, the Court notes that the Government has not contested that there existed a general ban in the domestic system on all accused persons seeking the assistance of a lawyer at the pre-trial stage (in the Maltese context, the stage before arraignment).**

**62. It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see *Salduz*, cited above, §§ 52, 55 and 56).**

**63. There has accordingly been a violation of Article 6 § 3 (c) taken in conjunction with Article 6 § 1 of the Convention**."

Illi gie deciz illi l-qrati ma kellhomx jaghtu interpretazzjoni stretta tad-decizjoni **Salduz vs Turkey** kif sehh fil-kaz ta' Charles Steven Muscat fost ohrajn. L-Imhallef Pinto De Albuquerque[21] jghid hekk fl-opinjoni tieghu:

**"the interpretation of *Salduz* by the Constitutional Court of Malta is in breach of the "constitutional instrument of European public order" and its "peremptory character". .... Be that as it may, in the light of the repetitive findings of violations of Article 6 § 3 (c) of the Convention by this Court, the Maltese Constitutional Court should correct its trajectory and return to its initial Convention-friendly interpretation of *Salduz*."**

Imbaghad fil-kawza **Aleksandr Vladimirovich Smirnov vs Ukraine** (13.06.2014) gie deciz: **–**

**"The Court reiterates the principles developed in its case-law, according to which the right of everyone charged with a criminal offence to be effectively defended by a lawyer, assigned officially if need be, although not absolute, is one of the fundamental features of the notion of a fair trial. As a rule, access to a lawyer should be provided from the first time a suspect is questioned by the police, unless it can be demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there were compelling reasons to restrict this right (see *Salduz v. Turkey* [GC], no. 36391/02, § 55, 27 November 2008). The right to mount a defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police questioning without access to a lawyer are used for a conviction (ibid.). While a defendant in criminal proceedings may, under various circumstances, waive his right to legal representation,**

[21] Ara *partly concurring and partly dissenting opinion of Judge Pinto De Albuquerque* fid-decizjoni Mario Borg vs Malta

**such a waiver may not run counter to any important public interest, must be unequivocally established, and must be attended by minimum safeguards commensurate with the waiver's importance."**

Maghdud dan allura jidher illi r-regola hi li l-Artikolu 6(1) abbinat mal-artikolu 6(3)(c) jitlob li jkun hemm dritt ta' avukat fl-istadju tal-investigazzjoni tal-pulizija, sakemm ma jigix ippruvat li hemm ragunijiet impellenti ghaliex dan id-dritt ghandu jigi ristrett. Illi allura meta l-ligi domestika teskludi dan il-jedd u dan b'mod sistematiku billi ma jkunx hemm disposizzjoni *ad hoc* li taghti dan il-jedd lil persuna arrestata, ikun hemm il-periklu li jsehh lezjoni tad-dritt tal-persuna akkuzata ghal smigh xieraq anke f'dawk il-kazijiet estremi fejn ma jkun hemm l-ebda dikjarazzjoni inkriminanti f'dawn l-istqarrijiet. Illi fil-kaz deciz quddiem il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **Navone vs Monaco**, instab li kien hemm lezjoni billi l-akkuzat ma kellux jedd ghall-assistenza tal-avukat matul l-interrogazzjoni similment billi l-ligi tal-pajjiz ma kinitx tippermettieha[22].

Dan il-jedd gie anke estiz fil-kaz fejn l-akkuzat kien gie moghti l-jeddijiet kollha vigenti skont il-ligi ta' pajjizu inkluz allura l-jedd tieghu ghas-silenzju u fil-fatt huwa kien ezercita dan il-jedd u ma wiegeb ghall-ebda mistoqsija lilu maghmula. Il-Qorti xorta wahda sabet li kien hemm vjolazzjoni tal-artikolu 6(3)[23] u dan ghaliex ma kienx ikkonsulta ma' avukat biex ifissirlu l-jeddijiet tieghu skont il-ligi dwar id-dritt tieghu ghas-silenzju u d-dritt li ma jinkriminax

[22] Ara ukoll Yesilkaya vs Turkey – 59780/00 08/12/2009, Fazli Kaya vs Turkey – 24820/05 17/09/2015

[23] Dayanan vs Turkey – 7377/03 deciza 13/10/2009

ruhu b'dan għalhekk illi l-Qorti implikat illi t-twissija mogħtija mill-uffiċjal investigattiv ma hijiex biżżejjed.

**"31. The Court is of the view that the fairness of criminal proceedings under Article 6 of the Convention requires that, as a rule, a suspect should be granted access to legal assistance from the moment he is taken into police custody or pre-trial detention.**

**32. In accordance with the generally recognised international norms, which the Court accepts and which form the framework for its case-law, an accused person is entitled, as soon as he or she is taken into custody, to be assisted by a lawyer, and not only while being questioned (for the relevant international legal materials see *Salduz*, cited above, §§ 37-44). Indeed, the fairness of proceedings requires that an accused be able to obtain the whole range of services specifically associated with legal assistance. In this regard, counsel has to be able to secure without restriction the fundamental aspects of that person's defence: discussion of the case, organisation of the defence, collection of evidence favourable to the accused, preparation for questioning, support of an accused in distress and checking of the conditions of detention.**

**33. In the present case it is not disputed that the applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see *Salduz*, cited above, §§ 27 and 28). A systematic restriction of this kind, on the basis of the relevant statutory provisions, is sufficient in itself for a violation of Article 6 to be found, notwithstanding the fact that the applicant remained silent when questioned in police custody."**

Fil-fatt fid-deċiżjoni **Brusco vs Franza**[24] ġie deċiż:

[24] 1466/07 – 14/10/2010 The Court also notes that it does not follow neither from the file nor from the minutes of evidence that the applicant had been informed at the beginning of his examination of the right to remain silent, not to respond to questions, or to not answer the questions he wanted. It further notes that the applicant had been assisted by a lawyer twenty hours after the start of the custody period provided for in Article 63-4 of the Code of Criminal Procedure (see paragraph 28 above) . The lawyer was therefore unable either to provide information on his right to remain silent

**"La Cour constate également qu'il ne ressort ni du dossier ni des procès-verbaux des dépositions que le requérant ait été informé au début de son interrogatoire du droit de se taire, de ne pas répondre aux questions posées, ou encore de ne répondre qu'aux questions qu'il souhaitait. Elle relève en outre que le requérant n'a pu être assisté d'un avocat que vingt heures après le début de la garde à vue, délai prévu à l'article 63-4 du code de procédure pénale (paragraphe 28 ci-dessus). L'avocat n'a donc été en mesure ni de l'informer sur son droit à garder le silence et de ne pas s'auto-incriminer avant son premier interrogatoire ni de l'assister lors de cette déposition et lors de celles qui suivirent, comme l'exige l'article 6 de la Convention."**

Illi allura huwa fid-dmir ta' din il-Qorti illi twarrab dik l-evidenza illi tmur kontra l-garanziji moghtija kemm fil-Kostituzzjoni kif ukoll il-Konvenzjoni ghal harsien tal-jedd ghal smigh xieraq tal-persuna akkuzata. Fil-fatt dan il-jedd gie indikat fid-decizjoni tal-Qorti Ewropeja fil-kaz **Dimech vs Malta**[25] fejn f'dak il-kaz ghalkemm il-Qorti ma setghetx tasal biex tistabbilixxi jekk kienx sehh lezjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni billi l-proceduri penali kienu ghadhom ma intemmux, madanakollu sahqet:

**"…. it cannot be entirely excluded that the courts of criminal jurisdiction, before which the case is heard, hear the case in the same circumstances that would have existed had the right to legal-assistance during pre-trial stage not been disregarded, namely by expunging from the records the relevant statements. The Court notes that, if, because of the limitations of the applicable criminal procedural law, it is not possible given the stage reached in the pending proceedings, to expunge from the records the relevant statements (whether at the request of the applicant or by the courts**

and not to incriminate before his first interrogation or assist during the deposition and during those which followed, as required by Article 6 of the Convention

[25] 02/07/2015 – 34373/13

**of criminal jurisdiction of their own motion), it cannot be excluded that the legislature take action to ensure that a procedure is made available at the earliest opportunity for this purpose."**

Illi mill-ezami tal-atti jirrizulta illi l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat ittiehdet minghajr ma nghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu.

Dan ma setax isir u ghalhekk il-Qorti ser fid-dawl tad-decizjonijiet hawn fuq iccitati, billi l-imputat ma kienx gie moghti l-jedd jikkonsulta ma' avukat qabel ma rrilaxxja l-istess, id-dikjarazzjonijiet li huwa rrilaxxa fl-istadju tal-inkjesta se jigu sfilzati.

Meta wiehed jifli l-atti jasal jinnota li l-Magistrat inkwirenti wasal ghall-konkluzzjonijiet dwar id-dinamika tal-incident billi bbaza hafna fuq id-dikjarazzjonijiet tal-imputat. Tali konkluzzjonijiet, sa fejn jiddependu fuq id-dikjarazzjonijiet tal-imputat stess se jigu skartati izda dwar ir-rwol tal-Magistrat Inkwirenti l-Qorti se titratta dan b'mod aktar estensiv aktar 'l isfel.

**Konkluzzjonijiet tal-Magistrat Inkwirenti**

L-imputat fin-nota tas-sottomissjonijiet ghamel referenza ghal fol. 15 u 16 tal-process fejn apparti li hemm indikat li l-Magistrat ikkonduca l-inkjesta bhala parti mill-assenjazzjonijiet tieghu fejn huwa ghandu jikkonduci l-inkjesti li jittrattaw incidenti tal-ajru u marittimi, jiddikjara wkoll is-segwenti:

*"Inoltre, fil-hin tal-incident l-Magistrat Inkwerenti ghamel kuntatt ma' persuni idonei li ma kellhom ebda kunflitt ta' interess fil-kaz u dan sabiex ikunu nominati bhala esperti fl-avjazzjoni izda hadd ma seta' jaccetta l-inkarigu. Irid jinghad illi*

*stante li l-ajruplan de quo jappartjeni lill-European Flight Academy, inhass li ma kienx gust u ekwu li jinhatar persuna/I konnessi mal-flying school l-ohra lokati f'Malta u ghalhekk <u>il-Magistrat inkwerenti ikkonduca l-inkjesta minghajr assistenza teknika hlief ghall-esperti fuq imsemmija</u>. Ghal kull buon fini, jiddikjara illi huwa gradwat tal-istess European Flight Academy, ghallem bhala ground instructor in Aviation Law sia f'dik l-iskola kif ukoll fil-Malta School of Flying, huwa klijent taz-zewgt skejjel kif ukoll tad-Diamond School of Flying u ghalhekk ihoss illi dan ghandu jkun dikjarat b'mod preliminari".*

Fl-istess nota ta' sottomissjonijiet jinghad li:

"mhux kontestat li kaz bhal dan fejn sehh incident b'ajruplan huwa kaz immensament tekniku. Dan ifisser necessarjament li jkun hemm bzonn li jitqabbad espert b'hila u setgha specjali fl-aeronawtika sabiex jigi determinat x'gara bl-ezatt, x'ikkaguna dak l-incident, u jekk kienx hemm negligenza o meno. L-esponenti ghalhekk umilment jissottometti, bid-dovut rispett, illi f'dan il-kaz kellu jitqabbad espert sabiex jigu determinati l-punti interrogattivi kollha u jigu determinati bl-aktar mod korrett u bl-ahjar hila u sengha. Il-hila u s-sengha specjali li kienet rikjesta f'dan il-kaz kienet tmur oltre mill-ligi tal-avjazzjoni u s-sewqan tal-ajruplani stante li kienet tirrekjedi wkoll informazzjoni teknika dwar il-mod ta' kif jahdem ajruplan, dwar il-mekkanizmu tal-ajruplan u ghaliex seta' kien hemm certu manuvri mill-istess ajruplan.

"Nonostante ciò, u nonostante il-kumplessita tal-inkjesta l-Magistrat Inkwerenti ghazel li ma jqabbad l-ebda espert tekniku. L-esponenti però bir-rispett ma jaqbilx ma' dan l-agir u umilment jissottometti illi tali nuqqas mhux biss holoq pregudizzju serju ghall-esponenti, talli wkoll imur kontra l-ligi procedurali.

"L-artikolu 650(1) tal-Kodici Kriminali jiddetta li kull darba li jkun hemm sitwazzjoni li tehtieg hila u sengha specjali biex tigi ezaminata ghandha tigi ordnata perizja. It-test tal-ligi jghid li:

> "*Fil-kazijiet kollha li fihom ghall-ezami ta' persuna jew ta' haga ohra tkun tinhtieg hila jew sengha specjali, ghandha tigi ordnata perizja.*"

"Jidher hawnhekk li l-legislatur ma tax id-diskrezzjoni lill-gudikant biex jiddeciedi hu jekk ghandux jordna perizja o meno, izda il-legislatur ried li fil-kazijiet "**<u>kollha</u>**" li jaqghu taht dak l-artikolu <u>"</u>**<u>ghandha</u> tigi ordnata perizja**".

"Isegwi ghalhekk bir-rispett li tenut li f'dan l-indicent tal-avjazzjoni kellu necessarjament jitqabbad espert tekniku. Jinghad bl-akbar umiltà li anke f'inkjesti dwar incidenti awtomobilistici li allura jitrattaw vetturi (oggetti li huma komunement uzati mill-maggior parti tal-popolazzjoni) jitqabbdu numru ta' esperti teknici sabiex jezaminaw il-vettura (sabiex jaraw jekk kellhiex il-brakes kienux jahdmu jew le, sabiex jigu verifikati jekk kienx hemm hsarat ohra teknici li setghu kkagunaw jew kkontribwixxew ghall-incident etc), *multo magis* allura kellu jitqabbad espert tekniku, engineer jew persuna ohra li tifhem kif jahdem ajruplan sabiex dawn il-fatturi u fatturi ohra relevanti jigu ezaminati.

"Fil-kaz in kwistjoni l-unici esperti li tqabbdu kienu t-tabib li ezamina l-griehi izda li zgur ma setax jitfa dawn fuq id-dinamika tal-incident, kif ukoll perit sabiex jaghmel pjanta tal-post fejn waqa l-ajruplan u persuna ohra sabiex tiehu r-ritratti. Jinghad però li hadd minn dawn l-esperti ma seta' jitfa dawl fuq l-akkadut ghaliex hadd ma huwa kwalifikat fil-mekkanizmu tal-ajruplani.

"Konsegwentament l-agir tal-Magistrat Inkwerenti kien bir-rispett skorrett meta ma hatar l-ebda espert. Dan in-nuqqas mhux biss huwa bi ksur tad-disposizzjoni 650(1), izda jfisser effettivament ukoll li ma hemm l-ebda prova ammissibli li tista' b'xi mod titfa dawl fuq id-dinamika tal-incident, ossia x'wassal u x'inhi r-raguni ghall-incident.

Dan in-nuqqas fl-umili fehma tal-esponenti ghandu necessarjament iwassal ghall-nuqqas ta' provi u konsegwentament liberazzjoni.

"Dwar il-fatt illi l-Magistrat ma sab lil hadd li seta' jaccetta l-inkarigu, l-esponenti ma jistax jikkummenta ghaliex ma jafx min kienu l-individwi li gew mitluba jaccettawx jew le l-inkarigu. Jibqa' però l-fatt illi jekk ma seta' jinstab l-ebda espert lokali, xorta wahda ma kien hemm l-ebda impediment li jitqabbad espert minn barra minn Malta. Fl-ahhar mill-ahhar mhijiex l-ewwel darba li tqabbdu esperti barranin meta ma kienx hawn lokali, bhal fil-kaz tal-prova tad-DNA li sa ftit snin ilu kienet issir f'laboratorji barra minn Malta.

"Il-Magistrat Inkwerenti ghazel li jasal hu wahdu ghall-konkluzzjonijiet dwar id-dinamika tal-incident *u dan "minghajr assistenza teknika hlief ghall-esperti fuq imsemmija"*. L-esponenti ma ghandux dubju li l-Magistrat Inkwerenti huwa espert fil-materja legali in kwantu l-fatt li l-professjoni tieghu hija ta' gudikant. Din id-dikjarazzjoni però b'kull rispett tfisser li:

a) Ex admissis il-konkluzzjoni tal-inkjesta mhijiex bazata fuq provi teknici; u

b) L-investigazzjoni hija ghalhekk wahda inkompleta stante li l-ajruplan per se allura ma giex ezaminat minn inginiera u nies ohra kompetenti fis-suggett u ghalhekk thalli lok ghal dubji dwar jekk kienx hemm fatturi ohra li ma gewx ikkunsidrati;

c) Il-konkluzzjonijiet dwar id-dinamika tal-incident ma jilhqux il-livell ta' minghajr dubju dettat mir-raguni ghaliex certu fatturi importanti ma gewx ikkunsidrati.

"Dan in-nuqqas li l-ajruplan u l-incident de quo jigi ezaminat mill-lat tekniku ikompli jiggrava meta wiehed jikkonsidra l-fatt li prova dwar l-istat tal-ajruplan qabel l-incident u wara ma hemmx. Hawnhekk si tratta ta' ajruplan li ghalkemm l-iskola tal-avjazzjoni tghid li nxtara

"*prattikament gdid*"[26] fis-sena 2000, is-sena tal-manifattura tieghu hija l-1995[27]. L-incident imbaghad sehh fl-2011. Ghal korrettezza huwa minnu li hemm xi maintenance reports li gew esebiti fl-inkjesta, però tali *maintenance reports* lanqas biss gew konfermati bil-gurmanent mill-enginier li kien ghamel il-*maintenance* fuq l-ajruplan – kwindi tali maintenance reports la mhux konfermati bil-gurament ma ghandhom l-ebda valur probatorju. Dan apparti l-fatt li tali rapport huwa rapport ex parte.

"L-esponenti jifhem ukoll, a bazi ta' dak dikjarat mill-Magistrat Inkwerenti stess li l-istess Magistrat huwa pjuttost familjari mas-suggett tal-avjazzjoni stante li ghandu licenzja fl-avjazzjoni u ghallem il-ligi tal-avjazzjoni, però b'kull dovut rispett dan ma jissostitwixxix il-hila u s-sengha specjali ta' persuna li l-professjoni tieghu tkun unikament fil-qasam tal-avjazzjoni u l-mekkanizmu tal-ajruplani. Fl-ahhar mill-ahhar, anke f'incidenti awtomobilistici, fejn il-Magistrat probabbilment ikun jaf isuq vettura hu stess, u fejn anke forsi huwa ghalliem fl-Università, xorta wahda fl-inkjesta jordna li jitqabbad espert tekniku u mhux jghaddi ghall-konkluzzjoni esklussivament wahdu.

"Apparti minn hekk, il-fatt li kien il-Magistrat inniffsu li assuma r-rwol ta' espert u wasal ghall-konkluzzjonijiet wahdu, fisser effettivament li l-esponenti kien imcahhad milli jaghmel il-kontro-ezami dwar dawn il-konkluzzjonijiet. L-esponenti ma seta' qatt jitlob li jaghmel kontro-ezami tal-Magistrat Inkwerenti li kien qed jippresjedi l-inkjesta. Kwindi huwa gie rinfaccat b'konkluzzjonijiet li wasslu biex jittiehdu proceduri kriminali kontra tieghu, minghajr però l-opportunità li jaghmel domandi in kontro-ezami sabiex juri certu fatturi ohra li setghu ma gewx ikkunsidrati, jew inkella li gew erronjament ikkunsidrati.

"L-esponenti ghalhekk jissottometti bir-rispett illi mhux biss il-konkluzzjonijiet huma nieqsa minn ezamijiet teknici, (u ghalhekk ma

[26] U allura second hand.
[27] a fol. 138

jistghux jilhqu l-livell tal-prova ta' minghajr dubju dettat mir-raguni), talli di più l-esponenti litteralment kellu l-impossibilità li 'jattakka' dawk l-istess konkluzzjonijiet. Dan jidher ukoll evidenti mill-kontro-ezami tal-ufficjal prosekutur l-ispettur Josric Mifsud, ghaliex il-maggior parti tad-domandi li ghamlet id-difiza lill-istess spettur baqghu minghajr risposta. Dan ghaliex l-ispettur kien qieghed kull darba jirrispondi li huwa ma kienx jafha t-twegiba minhabba li kien il-Magistrat Inkwirenti li kkonduca l-investigazzjoni anke bhala espert.

"Ghar-rigward imbaghad tal-fatt li l-istess Magistrat inkwerenti iddikjara li huwa kien gradwat tal-istess European Flight Academy u anke ghalliem fl-istess skola, liema skola kienet is-sid tal-ajruplan involut fl-incident, l-esponenti umilment jissottometti illi dan huwa punt iehor li kien jimmerita se mai favur li l-Magistrat jastjeni minn dina l-inkjesta. Anke jekk il-Magistrat kellu assenjazzjoni li jikkonduci l-inkjesti li jitrattaw incidenti li jinvolvu ingenji bl-ajru, xorta wahda huwa seta' jastjeni f'kaz ta' xi kunflitt ta' interess. L-esponenti umilment jissottometti illi din id-dikjarazzjoni dwar ir-rabtiet tal-Magistrat mal-iskola ikompli jaggravaw meta wiehed izid il-fatt li kien l-istess Magistrat li ghamilha hu stess ta' espert minflok ma qabbad persuna ohra esperta fl-incidenti tal-avjazzjoni. L-esponenti fl-ahhar nett, japprezza l-korrettezza tal-Magistrat Inkwerenti fejn iddikjara minn jeddu l-involviment fl-iskola tal-avjazzjoni, però bir-rispett, ma jistax jifhem kif nonostante ciò, ma astjeniex mill-inkarigu."

Dwar dak dikjarat mid-difiza fin-nota tas-sottomissjonijiet taghha fejn irreferiet ghall-mod kif kienet kondotta l-inkjesta' u ghal dak li kkonkluda l-Magistrat Inkwirenti fl-istess inkjesta' l-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet **Republika ta' Malta vs Jason Calleja** nghad li:-

*"In linea generali, il-Magistrat Inkwirenti hu fdat lilu l-inkarigu li fil-kazijiet previsti mill-istess Titolu, jinvestiga ir-*

*reat jew il-fatt rapportat lilu u/jew izomm l-access li l-ligi tipprevedi u fl-ahharnett jirredigi procès verbal li l-ligi stess tirregola u tattribwilu valur probatorju. Dan kollu jifforma parti integrali mill-process generali tar-ricerka tal-verita' u jikkonsisti principalment fil-gbir u preservazzjoni ta' dawk il-provi kollha, diretti u indiretti, li l-Magistrat Inkwirenti jirnexxilu jiddentifika bhala pertinenti ghal-grajja jew reat li jkun qed jinvestiga. Bhala tali, u kuntrarjament ghal dak li jigri f'certi sistemi kontinentali, l-Magistrat Inkwirenti mhux parti mill-pulizija u wisq inqas, mill-prosekuzzjoni; anzi jidher car li fis-sistema taghna huwa previst biex f'numru ta' kazijiet serji li l-ligi stess tispecifika, l-investigazzjoni ma ssirx biss, u l-provi ma jingabrux u ma jigux preservati biss mill-Pulizija, izda ukoll, anzi essenzjalment, minn persuni indipendenti mill-poter esekuttiv tal-Istat u li jiggarantixxu li r-ricerka tal-verita' ma tkunx inkwinata minn xi interessi hlief dak suprem li kollox isir skond il-haqq u l-gustizzja. Rwol dan, li Lord Tucker, fl-appell quddiem il-Privy Council in* ***re Regina vs George Terreni,*** *obiter, iddeskriva bhala "a good way of preserving evidence".*

Is-sentenza tipprovdi wkoll li:-

*".. certi decizjonijiet il-Magistrat Inkwirenti bilfors johodhom, anzi, jista' jigi affermat li minghajr l-ezercizzju ta' din il-funzjoni, l-ufficcju tieghu, f'diversi kazijiet jisfa' bla sens. Hekk, per ezempju, f'kazijiet ta' mewt rapportati lilu, huwa ghandu jindaga c-cirkostanzi li wasslu ghal dik il-mewt u jistabbilixxi hiex aktarx jew certament wahda accidentali u indipendenti minn kull htija doluza jew kolpuza ta' terzi jew inkella hiex*

*proprju ir-rizultat ta' tali komportament ta' terzi. L-istess jinghad ghal kazijiet fejn jigu rapportati lilu eventi li prima facie ikunu jipprezentaw sembjanzi ta' reat.*

*Hi certament l-funzjoni tal-Magistrat Inkwirenti li jinvestiga, okkorrendo permezz ta' esperti, c-cirkostanzi kollha tal-kaz u jipprova jasal ghal konkluzjoni dwar jekk verament sarx reat u jekk hemmx provi tali li jippuntaw lejn xi hadd partikolari li jista' jigi investigat ulterjorment jew addirittura akkuzat. Certament m'hix il-funzjoni tal-Magistrat Inkwirenti li jiddeciedi li ghar-reat investigat minnu huwa certament jew probabbilment responsabbli xi hadd partikolari, ghax kif inghad huwa ma jagixxix qua Qorti, la ta' Istruttorja w inqas ta' Gudikatura.*

*Izda hija certament il-funzjoni tieghu li jiddeciedi l-ewwel hemmx provi sufficjenti li verament sar reat u t-tieni jekk a bazi tal-provi - indipendentement mill-apprezzament taghhom - hemmx bizzejjed biex jinghad li xi hadd partikolari jista' possibilment ikun passibbli ghal proceduri kriminali. Dan mhux biss jikkostitwixxi funzjoni tal-Magistrat Inkwirenti, izda, fil-fehma ta' din il-Qorti huwa addirittura dover tieghu."*

Dan kollu jfisser li jekk tigi rapportata mewt ta' persuna lil Magistrat Inkwirenti, huwa d-dover tieghu li jigbor u jippreserva l-provi kollha possibbli u mhux biss jistabbilixxi li verament saret mewt, izda kif dik il-mewt giet jew setghet giet kawzata kif ukoll jekk hemmx provi bizzejjed biex xi hadd jista' jigi akkuzat b'dik il-mewt jew almenu jekk il-pulizija ghandiex tkompli bl-investigazzjonijiet taghha in generali jew f'linja partikolari. Dan,

evidentement jinvolvi ezercizzju ta' diskrezzjoni mill-Magistrat Inkwirenti li ghalkemm huwa limitat, dejjem irid isir u li necessarjament jinkludi sa' certu livell apprezzament ta' provi.

Sintendi, dan kollu jrid isir fil-parametri ta' dak li hu lecitu, tenut kont tal-figura u funzjoni tal-Magistrat Inkwirenti u tal-importanza tar-rizultat tax-xoghol tieghu fil-process penali. Ma jistax, per ezempju, il-Magistrat Inkwirenti fil-kors normali tal-affarijiet, jiddeciedi li jikkontraponi xhieda ma' ohra u jistabbilixxi liema wahda mit-tnejn jew aktar timmerita li tigi emmnuta. Jista' izda jekk prova hija impossibbli li tkun vera, jissenjala dan, specjalment jekk dan jista' jkun ta' rilevanza. In massima generali, pero', dak li huwa importanti huwa li bhal Magistrat li jippresjedi fil-Qorti ta' Istruttorja, il-Magistrat Inkwirenti ma jusurpax il-funzjonijiet ta' gudizzju u valutazzjoni ta' provi li fil-process penali l-ligi tirriserva ghal haddiehor. Huwa importanti li l-Magistrat Inkwirenti jzomm ma dan il-parametru ghaliex il-ligi taghti importanza kbira lill-investigazzjoni li jkun ghamel u l-process verbal li jkun irrediga hu wkoll hu moghti valur probatorju fil-process penali.

Parametru iehor johrog minn dak li tghid il-ligi u anki l-ftit gurisprudenza in materja. Kif inghad diga, fit-termini tal-artikolu 550 (1) tal-Kodici Kriminali l-process verbal maghmul regolarment, jista' mhux biss jinghata bhala prova fis-smigh tal-kawza, izda dan jista' jsir *"minghajr ma jkun mehtieg li jinstemghu x-xhieda, l-periti jew persuni ohra li jkunu dehru fl-access"*.

Dawn il-Qrati qatt ma interpretaw din id-disposizzjoni bhala li tfisser li l-process verbal tal-Magistrat Inkwirenti ghandu aktar importanza minn, jew jirbah fuq, il-principju li fil-process penali x-

xhieda ghandhom jinstemghu viva voce, izda biss li fejn xhud ma jistax jinstema' aktar viva voce, ghax impossibilitat, jew ghax assenti, jew ghax miet, allura dak li jista' jkun iddepona fil-kors tal-access, jista' jingieb u jintuza bhala prova, bhal ma prova testimonjali migbura fil-kors ta' access tista' tintuza biex jigi kontrollat l-istess xhud waqt li qed jiddeponi viva voce.

**Opinjoni ta' espert imqabbad mill-Qorti**

Il-Qorti issa li trattat ir-rwol tal-Magistrat Inkwirenti ghall-kompletezza se titratta dwar l-opinjoni ta' espert mahtur mill-Qorti billi se tirreferi ghal numru ta' decizjonijiet fejn il-Qrati taghna trattaw l-artikolu 656 tal-Kap 9. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **Il-Pulizija v. Akram Amar Swayah**[28] deciza fit-8 ta' Mejju, 2006 intqal:

> *Huwa minnu illi l-espert nominat mill-Qorti ddikjara illi l-ferita in kwistjoni kienet ta' natura hafifa, ghaliex fil-fehma tieghu, peress li l-imputat [**recte:** il-vittma] huwa ragel ta' hamsa u erbghin sena u ghandu l-gangala, ma dehrlux li kellu jikklassifikaha bhala ferita ta' natura gravi.*
>
> *Il-Qorti taghmel referenza ghall-artikolu 656 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe` min ghandu jiddeciedi, mhux marbut li joqghod ghall-fehma tal-periti kontra l-perswazjoni tieghu.*

[28] Appell Kriminali Numru. 124/2005

*F'dan il-kaz il-Qorti rat di viso l-vittma u kkonstatat li l-ferita in kwistjoni hija wahda visibbli minn distanza normali u skond l-istess Doctor Dino Vella Briffa, tinhass ukoll."*

*Minn dan jidher li l-Ewwel Qorti ma ghamlet l-ebda spropozitu legali jew logiku. Hija kellha kull dritt tinnomina perit u kull dritt taccetta jew ma taccettax kwalunkwe opinjoni li avvanza l-imsemmi perit. Difatti, nonostante li l-perit gie nominat mill-Qorti specifikatament sabiex jezamina lil P.S. 951 Joseph Tonna (artikolu 650 tal-Kap. 9), l-artikolu 656 jghid testwalment:*

***"Min ghandu jiddecidi mhux marbut li joqghod ghall-fehma tal-periti kontra l-perswazjoni tieghu."***

*Ghalhekk l-Ewwel Qorti setghet anke toqghod ghall-fehma ta' Dr. Dino Vella Briffa li l-offiza li garrab P.S. 951 Joseph Tonna "tinhass", u ma toqghodx ghall-fehma tieghu illi tali offiza ma tikkostitwix sfregju galadarba hija stess ikkonstatat illi l-offiza in kwistjoni "hija wahda visibbli minn distanza normali". Skond gurisprudenza ormai pacifika difatti, il-hsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik "li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin" (ara Appell Kriminali fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. Paul Spagnol****, 12 ta' Settembru 1996, Vol. LXXX.iv.279).*

Il-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz **Il-Pulizija (Spettur Carmelo Magri) v. George Xuereb**[29] ippreseduta mill-Agent President Imhallef

[29] Appell Civili Numru. 24/2008/1

Joseph A. Filletti u l-Imhallfin Albert J. Magri u Geoffrey Valenzia fid-decizjoni tal-25 ta' Frar, 2011 intqal:

> *"... anke tenut kont tal-inkarigu tieghu, jinghad li fid-dawl tal-gurisprudenza kostanti f'dawn l-ahhar snin, il-Qorti thoss fi kwalunkwe kaz it-talba ma tistax tigi milqugha peress li kif inghad fis-sentenzi hawn citati tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet* ***"Nazzareno sive Reno Zarb vs Avukat Generali"*** *(Q.K. – 31 ta' Ottubru 2003) u* ***"Melchior Spiteri vs Avukat Generali"*** *(Q.K. – 31 ta' Ottubru 2003) il-Qorti thoss illi l-analizi taghha, jekk tieqaf hawn, tkun inkompleta u ghalhekk skorretta. Skont dawn l-istess principji enuncjati f'dawn is-sentenzi johrog car illi din il-Qorti ghandha tqis l-assjem tal-provi kollha, u hija l-istess Qorti li ghandha tezercita l-irwol taghha ta' supervizjoni u ghandha taghmel evalwazzjoni tal-provi kollha mressqa quddiemha. Ghalhekk ghandha l-liberta` tiskarta l-opinjoni tal-esperti anke jekk mahtura minnha (***artikolu 656 tal-Kap. 9***) u l-partijiet ghandhom id-dritt iressqu l-provi taghhom."*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-atti tal-allegazzjoni ta' genn fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Anthony Schembri**[30] deciz fl-4 ta' Marzu, 2010 mill-Agent President Imhallef David Scicluna u l-Imhallfin Noel Cuschieri u Joseph R. Micallef intqal:

> *Jidher li l-gurati skartaw l-opinjoni ta' l-esperti psikjatri (kif del resto kellhom dritt li jaghmlu a tenur ta' l-artikolu 656 tal-Kodici*

[30] Appell Kriminali Numru 3333/2010

*Kriminali) u kkonkludew li l-appellant kellu kemm il-kapacita` li jifhem li dak li qieghed jaghmel huwa hazin kif ukoll il-kapacita` li jaghzel jekk jaghmilx jew le dak l-att. Din il-Qorti jidhrilha li l-gurati, ben diretti mill- Imhallef li ppresjeda l-guri, huma fl-ahjar posizzjoni li jiddeciedu, skond il-buon sens, dwar il-kwistjoni li kellhom quddiemhom. Bhalma jghidu Timothy Jones u Michael Christie, b'referenza ghal-ligi sostantiva u procedurali Skocciza in materja ta' eccezzjoni ta' demenza fil-kamp penali, u li hi simili hafna ghal dik taghna:*

***"The issue as to whether the accused's reason was alienated in relation to the crime in question is one for the jury to determine in the light of the evidence and their common sense. In Lord Strachan's terms, 'it is to be judged on the ordinary rules on which men act in daily life.' The jurors are the arbiters of insanity. They can take account of any medical evidence given by expert witnesses, but such evidence is not conclusive. The significance of medical evidence is severely limited by the fact that insanity is a legal rather than a medical concept. Further, a medical witness can only speculate as to the accused's state of mind at the time of the crime, since the information upon which his judgment is based will have been obtained subsequent to the crime being committed."***

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz **Ir-Repubblika ta' Malta v. Charles Steven Muscat**[31] deciz mill-Imhallfin Joseph A. Filletti,

[31] Appell Kriminali Numru 9/1996

David Scicluna u Joseph R. Micallef deciz fit-8 ta' Gunju 2006 iddikjaraw:

*Irid jigi notat ukoll illi skond l-artikolu 656 tal-Kap. 9:* ***"Min ghandu jiddeciedi mhux marbut li joqghod ghall-fehma tal-periti kontra l-perswazjoni tieghu."*** *L-ewwel Qorti kienet korretta meta qalet illi f'dan il-kaz din ir-regola kienet tassumi importanza partikolari peress illi certi linji difensjonali kienu jiddependu minn jekk il-gurati jaccettawx jew le, b'mod partikolari, il-konkluzjonijiet ta' Dr. Spiteri. Jigifieri l-Qorti kienet qed taghmel il-posizzjoni fil-ligi cara lill-gurati, filwaqt li spjegatilhom li* ***"kontra l-perswazjoni"*** *taghhom ma kienx ifisser* ***"kontra l-kapricc ta' mohhkom"*** *izda ghal raguni valida legalment.*

U finalment il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali **Ir-Repubbblika ta' Malta v. John Borg**[32] tat-13 ta' Lulju, 2006 deciza mill-Imhallfin Joseph A. Filletti, Gino Camilleri u David Scicluna fejn kien dikjarat li:

*Wara kollox, is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 650 tal-Kodici Kriminali jiddisponi testwalment li:*

***"Fil-kazijiet kollha li fihom ghall-ezami ta' persuna jew ta' haga tkun tinhtieg hila jew sengha specjali*** *[fit-test ingliz:* ***special knowledge or skill], ghandha tigi ordnata perizja."***

---

[32] Appell Kriminali Numru 22/1997

*Sabiex persuna jkollha hila jew sengha specjali mbaghad, mhuwiex mehtieg, ghall-finijiet ta' din id-disposizzjoni tal-ligi, li dik il-persuna tkun akkwistat tali hila jew sengha unikament permezz ta' studji formali fil-branka partikolari. Bhalma naqraw f'* ***Blackstone's Criminal Practice 2001***[33] *, "whether a witness is properly qualified in the subject calling for expertise is a question for the court. Such competence or skill may stem from formal study or training, experience, or both". Fis-sentenza tas-South Australia Supreme Court fl-ismijiet R. v. Bonython (1984) 38 S.A.S.R. 45, citat f'* ***Archbold Criminal Pleading, Evidence and Practice 2003***[34]*, King C.J. qal:*

***"Where the witness possesses the relevant formal qualifications to express an opinion on the subject, an investigation on the voir dire of his methods will rarely be permissible on the issue of his qualifications. There may be greater scope for such examination where the alleged qualifications depend upon experience or informal studies.... Generally speaking, once the qualifications are established, the methodology will be relevant to the weight of the evidence and not to the competence of the witness to express an opinion....***

***If the qualifications of a witness to give expert evidence are in issue, it may be necessary to hear evidence on the voir dire in order to make a finding as to those qualifications...."***

[33] Para. F10.3 pagna 2120.
[34] Para. 10-65 pagna 1234.

*Fil-ligi taghna l-esperti ma jigux maghzula mill-partijiet (ghalkemm jistghu jintalbu mill-partijiet) izda jigu nominati mill-Qorti, li hi 'l fuq mill-partijiet. Jekk espert hekk nominat ghandux verament il-kwalifiki li jipprofessa li ghandu, jekk ghandux verament 'hila jew sengha specjali' (Art. 650(1)) hi kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gudikant tal-fatt, f'dan il-kaz ghall-gurati. Hu proprju ghalhekk li l-ligi tipprovdi li l-gudikant tal-fatt* ***"mhux marbut li joqghod ghall-fehma tal-periti kontra l-perswazjoni tieghu"*** *(Art. 656). Konsegwentement il-kwistjoni ta' jekk il-Professur Hector Galea kienx l-ahjar espert li seta' jingieb f'dan il-kaz kienet kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gurati, u dwar dan, kif ser naraw, il-gurati gew ben indirizzati mill-Imhallef li ppresjeda l-guri.*

*F'dan il-kaz, il-Professur Galea gie mistoqsi mid-difiza jekk hux forensic odontologist u hu wiegeb li hu dentist u li jahdem fil-forensika. Din il-Qorti hi a konoxxenza tal-fatt illi l-imsemmi Professur Galea m'ghandux kwalifiki formali fl-odontologija izda taf ukoll illi ghandu snin konsiderevoli ta' esperjenza f'dan il-qasam. Issir referenza f'dan ir-rigward ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament komposta fl-ismijiet* ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Mario Pollacco*** *moghtija fl-1 ta' Dicembru 2005, u, bhalma ntqal f'dik is-sentenza, hawn ukoll tghid li ma tara l-ebda raguni sabiex tghid li l-Professur Hector Galea ma kellux il-kwalifiki mehtiega biex jikkonduci x-xoghol kollu mehtieg skond l-inkarigu li kien gie moghti mill-Magistrat Inkwerenti u li, fl-ahhar mill-ahhar, il-gurati kienu dejjem liberi*

*li jaslu ghal konkluzjoni differenti u ma jaccettawx l-opinjoni tieghu.*

**Il-hin indikat fic-citazzjoni**

Il-hin indikat fic-citazzjoni mertu ta' dan il-kaz huwa *"ghall-habta tat-tlieta u kwart ta' wara nofsinhar (1515hrs)"*.

Fil-PIRS report jinghad li r-rapport li waqa ajruplan fl-inhawi ta' Kercem dahal ghand il-pulizija fit-15.15hrs.

L-ahjar prova dwar il-hin ezatti tal-incident hija d-data li esebixxa Joseph Xuereb, *Head Aerodome Malta Air Traffic Services Ltd.*, li jixhed dwar id-dettalji tal-vjagg minuta minuta mill-bidu tal-vjagg sa x'hin sehh l-incident. Dan jidher b'mod car mill-atti tal-inkjesta a fol. 26 u 27 tal-process, fejn il-hinijiet in kwistjoni huma bejn 12.27 u 13.24 hrs. B'mod partikolarti, mit-transcript misjub a a fol. 27 insibu li taht il-kolonna TIME li turi il-hin tal-**12.27.20** l-*air traffic control* taw il-*go-ahead* lill-ajruplan in kwistjoni biex jitlaq lejn Ghawdex:

> *"9HADU cleared to Gozo via the East Coast 1500ft VFR squak 0063, QNH 1015".*

Eventwalment jidher li l-incident kien digà sehh sas-**13.24.13** ghaliex insibu:

> *"Express 314 can you try to contact 9DU. I have been trying to contact him for the last 6 minutes."*

Dan il-messagg imbaghad huwa segwit biss bil-kelma "END" li jindika li ma kienx hemm iktar konversazzjonijiet proprju ghaliex it-titjira kienet giet fi tmiemha minhabba l-incident.

Dokumentazzjoni ohra misjuba a fol. 203 sa 221 tal-process, li turi b'mod vizwali permezz ta' plotting il-vjagg de quo, turi wkoll li

kollox sehh ghall-habta tas-13.15 u mhux ghall-habta tat-15.15hrs. Infatti mill-hinijiet kollha indikati imkien ma jidher il-hin "*ghall-habta tat-tlieta u kwart ta' wara nofsinhar*".

Illi s-subartikolu (2) tal-artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

> "*Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw……*"

Illi fis-sentenza moghtija fit-18 ta' Ottubru 2005 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Pulizija vs John Mary Briffa**, fejn l-appellant f'dik il-kawza gie akkuzat b'reati li allegatament sehhew "ghall-habta tas-7.30 p.m." mentri l-provi kienu jirrigwardaw incident li sehh "ghall-habta tas-7.30 a.m.", intqal li:

> "*L-imputazzjoni ghalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat tnax-il siegha wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant hati. Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat fl-imputazzjoni u ghalhekk l-appellant ma setax jinsab hati kif fil-fatt insab. Il-frazi "ghall-habta ta' tindika hin approssimattiv u tinkludi hin vicin dak imsemmi fl-imputazzjoni izda zgur mhux tnax-il siegha wara. Il-prosekuzzjoni qalet li huwa ovvju li dan kien zball dattilografu. Jekk inhuwa hekk, il-prosekuzzjoni kellha tiehu hsieb taghmel jew titlob il-korrezzjoni opportuna tempestivament*" .

Illi dan l-istess principju gie riaffermat mill-istess Qorti tal-Appell Kriminali f'diversi kawzi ohra inkluz dawk fl-ismijiet Il-**Pulizija vs**

**Warren Piscopo** u **Pulizija vs Rita Thuema**, it-tnejn decizi fid-19 ta' Ottubru 2011.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Novembru 2015 regghet annuncjat dan fil-kaz **Il-Pulizija vs Andre' Falzon**[35] u lliberat lill-appellant:

> *"Stabbiliti dawn il-principji dottrinali u applikati ghall-kaz in ezami huwa car allura illi l-appellanti kellu jigi illiberat mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu billi dawn jirreferu ghal perijodu ta' zmien differenti minn dak li fih sehhew l-allegati fatti li wasslu ghall-imputazzjoni odjerna.*

U l-aktar sentenza ricenti fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali regghet irriteniet l-importanza tal-hin u zmien indikat fl-akkuza kien fil-kaz fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Raymond Xerri** deciz fis-26 ta' Jannar 2017 fejn l-Imhallef Edwina Grima sostniet:[36]

> *"Il-Qorti qatt ma tista issib htija dwar il-kummissjoni ta' xi reat li ikun sehh fi zmien iehor u mhux dak indikat fl-akkuza, cirkostanza li hija tant materjali u sostanzjali fil-kaz imressaq 'l quddiem mill-Prosekuzzjoni. Dan ghaliex l-artikolu 360 stess ifisser kif ghandha tigi redatta ic-citazzjoni u liema huma dawk l-indikazzjonijiet mehtiega sabiex il-persuna imharrka tkun tista thejji d-difiza taghha tajjeb u dan bil-fatti kif indikati lilha f'dik ic-citazzjoni. Issa jekk dawk il-fatti ikunu gew indikati hazin, allura l-binarju ta' l-azzjoni ma ikunux gew definiti jew ikunu gew definiti hazin."*

[35] L-Imhallef Edwina Grima fl-Appell Nru 385/2013

[36] Appell Nru: 339/2014

Il-Qorti tikkonkludi li l-hinijiet differenti fid-data esebita fl-inkjesta u fic-citazzjoni jirrizultaw f'kunflitt fil-provi tal-prosekuzzjoni stess, dwar punt materjali fil-kaz.

**KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI DWAR L-AKKUZI**

L-ewwel zewg imputazzjonijiet kontra l-imputat huma t-tnejn li huma reati ta' natura involontarja, fejn f'imputazzjoni minnhom qed jigi akkuzat li involontarjament ikkaguna griehi ta' natura gravi, u f'imputazzjoni ohra qed jigi akkuzat li involontarjament ghamel hsara ghad-dannu tal-European Flight Academy.

**Il-Kuncett ta' Negligenza**

Fid-dottrina u l-gurisprudenza kontinentali jezistu zewg teoriji partikolari dwar il-kuncett ta' negligenza: it-teorija hekk imsejha oggettiva u dik suggettiva. It-test ghat-teorija oggettiva mhux wiehed li hu immirat biex jistabilixxi jekk il-persuna ipprevedietx jew setghetx tipprevedi dak l-incident fil-*fatti specie* partikolari tal-kaz izda jekk l-agir ta' dik il-persuna jaqax taht l-obbligu ragjonevoli ta' attenzjoni li kull persuna fis-socjeta` hija prezunta li ghandu jkollha f'cirkostanza partikolari. Min-naha l-ohra t-teorija suggettiva tenfasizza li wiehed jista' jitkellem fuq agir negligenti jekk ikun hemm nuqqas f'li wiehed ikun *alert* jew vigilanti bil-limitazzjonijiet tieghu personali f'dak il-kaz partikolari.

Il-Kodici Kriminali taghna fl-artikoli 225,[37] 226[38] u 328[39] jitkellem fuq *"nuqqas ta' hsieb, traskuragni, nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu u nuqqas ta' tharis ta' regolamenti"*. Ma tezisti l-ebda spjegazzjoni tat-termini *"nuqqas ta' hsieb u traskuragni"*; madanakollu dawn generalment huma mehudin li jfissru bhala nuqqas ta' attenzjoni u ta' tehid ta' prekawzjonijiet li kienu mistennija f'cirkostanzi partikolari. Fir-rigward tat-termini *"nuqqas ta' hila fl-arti u professjoni tieghu"* u *"nuqqas ta' tharis ta' regolamenti"*, l-implikazzjoni ta' dawn il-frazijiet huma pjuttost cari u ma jhallu lok tal-ebda interpretazzjoni. Sakemm l-agir negligenti ma jinkwadrax ruhu taht xi wahda mill-parametri stabbiliti minn dawn l-artikoli tal-ligi, persuna ma tkunx tista` tigi misjuba hatja ta' negligenza ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-azzjoni kriminali. Inoltre tali agir negligenti jrid ikun per forza wassal sabiex giet arrekata hsara lill-persuna jew inkella xi proprjeta`. Dan ghaliex fl-artikoli 225, 226 u l-artikolu 328,

[37] Artikolu 225: *"Kull min, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, jikkaguna l-mewt ta' xi hadd, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn erba' snin jew multa mhux izjed minn hdax-il elf sitt mija u sitta u erbghin euro u sebgha u tmenin centezmu (11,646.87)."*

[38] L-Artikolu 226 jirreferi ghall-offizi li ma jwasslux ghall-mewt izda jarrekaw biss hsara gravi jew hafifa fuq il-persuna ta' l-individwu: *"Jekk minhabba l-fatti imsemmijin fl-ahhar artikolu qabel dan issir offiza fuq il-persuna, l-akkuzat, meta jinsab hati, jehel - (a) jekk l-offiza tkun gravi u ggib il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sena jew multa mhux izjed minn erbat elef sitt mija u tmienja u hamsin ewro u hamsa u sebghin ewro centezmi (€4658.75); (b) jekk l-offiza tkun gravi minghajr il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sitt xhur jew multa mhux izjed minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin ewro centezmi (€2329.37); (c) jekk l-offiza tkun hafifa, il-pieni stabbiliti ghall-kontravvenzjonijiet. (2) Fil-kazijiet imsemmijin fis-subartikolu (1)(c), il-procediment jista' jittiehed biss fuq kwerela tal-parti offiza.*

[39] L-artikolu 328 jaqra: *"Kull min, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, jikkaguna hruq, jew jaghmel xi hsara jew ihassar jew jgharraq xi haga, kif imsemmi f'dan is-sub-titolu, jehel, meta jinsab hati - (a) jekk minhabba f'hekk tigri l-mewt ta' persuna, il-piena stabbilita fl-artikolu 225; (b) jekk minhabba f'hekk xi hadd ibati offiza gravi fuq il- persuna, li tkun iggib il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sitt xhur jew multa mhux izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37); (c) jekk minhabba f'hekk xi hadd ibati offiza gravi minghajr il-konsegwenzi hawn fuq imsemmija, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tliet xhur jew multa mhux izjed minn elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69); (d) f'kull kaz iehor, il-piena ta' prigunerija ghal mhux izjed minn tliet xhur jew il-multa jew il-pieni tal-kontravvenzjonijiet: Izda fil-kazijiet imsemmijin fil-paragrafu (d), hlief meta l-hsara tkun kagunata fi proprjetà pubblika, jistghu jittiehdu procedimenti biss bil-kwerela tal-parti offiza."*

il-hsara lill-persuna jew lill-proprjeta` hija indikata bhala wahda mill-elementi kostituttivi tar-reat.

Il-Kodici taghna huwa ibbazat fuq il-Kodici Taljan tal-1889. Fil-kummentarju tad-disposizzjonijiet relattivi ghal negligenza ta' dan il-Kodici, awturi Taljani dejjem qiesu li ghandu jigi applikat it-test suggettiv.[40] Jekk wiehed iqis it-termini uzati fil-ligi taghna u cioe` *"nuqqas ta' hsieb u traskuragni"*, wiehed jista' jinnota li dawn huma termini li qeghdin jirreferu direttament ghall-attitudni soggettiva ta' min ikun hati tar-reat. Huwa necessarju ghalhekk li wiehed jindika jekk ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz kinux jippermettu lill-persuna involuta li tintebah bil-konsegwenzi tal-agir taghha.

Il-parti operattiva u essenzjali tal-akkuza li giet dedotta fil-konfront tal-imputat hija li kkaguna griehi gravi fuq il-persuna ta' Sandro Barbara *"b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' regolamenti"*. Il-gurista Sir Anthony Mamo, fin-Noti tieghu, jispjega illi ghalkemm il-frazijiet *"nuqqas ta' hsieb"* u *"traskuragni"* mhumiex moghtija definizzjoni mil-ligi pero jkompli jghid li *"it is clear that by them the law means generally the absence of such care and precautions as it was the duty of the defendant to take in the circumstances"*[41].

Il-Professur Mamo jkompli jsostni li, *"the essence of negligence is made to consist in the "<u>possibility of foreseeing</u>" the event which has not been foreseen"*[42]. Sabiex jenforza t-tezi tieghu, Mamo jaghmel referenza ghat-taghlim ta' Francesco Carrara, u jikkwotah kif segwenti – *"Il*

---

[40] Ara Impallomeni, Vol III, pg 1662

[41] *Lectures in Criminal Law*, Vol 1, pg 69

[42] ibid, pg 67 (sottolinear fit-test originali)

*non aver previsto la conseguenza offensiva sconfina la colpa dal dolo. Il non averla potuto prevedere, sconfine il caso dalla colpa"*[43].

Antolisei, fil-ktieb tieghu *Manuale di Diritto Penale (Parte Generale)*, jaghmel ukoll referenza ghal Carrara, u jghid hekk:

> *"Secondo la dottrina tradizionale che vanta origini antichissime e in questi ultimo tempi torna a prevalere, la colpa consiste nella prevedibilita' del risultato non voluto. Scrisse il Carrara: La colpa si definisce la volontaria omissione di diligenza nel calcolare le conseguenze possibili e prevedibili del proprio fatto. Dicesi conseguenza prevedibile, perche' l'essenza della colpa sta nella prevedibilita'".*[44]

Din hija t-tezi li dejjem giet accettata mill-Qrati taghna. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Richard Grech***[45] gie deciz li jekk il-prudenza tikkonsisti filli persuna taghmel dak li hu ragjonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannuzi ta' ghemilha, l-imprudenza tikkonsisti filli wiehed jaghmel avventatament dawk l-affarijiet li hu messu ppreveda li setghu jikkagunaw hsara. It-traskuragni, mill-banda l-ohra, timplika certa non-kuranza, certu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali. Fiz-zewg kazijiet, pero', il-hsara tkun prevedibbli, ghalkemm mhux prevista: kieku kienet ukoll prevista, wiehed ikun qieghed fil-kamp doluz b'applikazzjoni tad-dottrina tal-intenzjoni pozittiva indiretta.

[43] ibid, pg 68 (sottolinear fit-test originali)
[44] Antolisei, *Manuale di Diritto Penale (Parte Generale)* (Giuffre', 1997, 14 ed) 364
[45] *Pulizija vs Richard Grech* (Appell Kriminali, 21/03/1996, De Gaetano)

Fl-istess sentenza gie ritenut dak li kien diga ntqal fis-sentenza ***Il-Pulizija vs Perit Louis Portelli***[46], fejn saret ukoll, fost l-ohrajn, referenza ghal Giorgi:

> *"Hu mehtieg ghall-kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-art. 239 [illum 225] tal-Kodici Penali illi tirrikorri kondotta volontarja negligenti – konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb ("imprudenza"), traskuragni ("negligenza"), jew nuqqas ta' hila ("imperizia") fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikatament f'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti – li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju.*
>
> *Ghandu jigi premess illi, ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti, ghandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-"bonus pater familias", dik il-kondotta, cioe', illi fil-kaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita' normali: kriterju li filwaqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant, ihallih fl-istess hin liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret. "La diligenza del buon padre di famiglia costituisce un criterio abbastanza indeterminato per lasciare al giudice gran liberta' di valutazione." (Giorgi, Teoria delle Obbligazioni, II, 27, p. 46)"*

**Il-kuncett tal-bonus pater familias**

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz il-**Pulizija v. Kevin Sammut**[47] fit-23 ta'

---

[46] *Pulizija vs Perit Louis Portelli* (Qorti Kriminali, 04/02/1961, Kollez XLV.iv.870, Flores)

[47] App Nru 192/08

Jannar 2009. F'din id-decizjoni l-Prim Imhallef Vincent Degaetano jidhol fid-dettal dwar il-kuncett tal-*bonus pater familias*:

> Fi kliem iehor, il-kwistjoni tibqa' dejjem dik ta' x'kellu verament f'mohhu l-agent fil-mument li wettaq l-att materjali u mhux x'seta kellu f'mohhu li kieku kien bniedem ta' intelligenza ordinarja jew ta' sagacja ordinarja jew – biex wiehed juza l-espressjoni uzata mill-ewwel qorti – kieku kien *bonus pater familias*. Argument analogu (u fil-kuntest ta' reati differenti) gie elaborat minn din il-Qorti (kollegjalment komposta) fis-sentenza taghha tat-12 ta' Dicembru 2007 fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. John Polidano et**. F'dik is-sentenza nghad hekk:
>
> > **"Ghalkemm huwa veru li wiehed irid jiddesumi l-intenzjoni ta' dak li jkun kemm mill-att materjali kif ukoll mic-cirkostanzi antecedenti, konkomitanti u sussegwenti ghall-istess att materjali, l-intenzjoni dejjem tibqa' kwistjoni soggettiva – <u>jigifieri x'kellu f'mohhu l-agent (l-akkuzat) fil-mument li ghamel l-att</u> – u mhux semplicement kwistjoni oggettiva ta' x'missu anticipa jew x'kienet tanticipa l-persuna ta' intelligenza ordinarja. Jigifieri m'ghandhiex issir enfasi preponderanti fuq il-konsegwenzi li rrizultaw mill-att. Kif jispjega Gerald Gordon fil-ktieb tieghu *The Criminal Law of Scotland*[48]:**
> >
> > > **""Intention, then, is subjective, but is proved objectively. Or at least this is so in most cases. Since it is in the end subjective, the jury cannot be prevented from claiming intuitive knowledge of the accused's state of mind, or from believing his account of his state of mind against all the objective evidence. Or at least they should not be so prevented, if they are, as they are always said to be, the judges of fact. The law should not at one and the same time**

[48] W. Green and Son Ltd (Edinburgh), 1978.

**lay down a subjective criterion, and then require the jury to determine whether the criterion has been satisfied by reference solely to an objective standard, the standard of the reasonable man. It has from time to time been said that a man is presumed to intend the natural consequences of his acts, but in the first place this is at most a presumption, and in the second place it applies only if "natural" is read as meaning "blatantly highly probable": if this were not so, all crimes of intent would be reduced to crimes of negligence."[49]**

**"U l-istess awtur, fil-kuntest tal-kuncett ta' "recklessness" (li fil-ligi Skocciza *"is advertent and involves foresight of the risk"*[50] u li ghalhekk hu tista' tghid identiku ghall-kuncett taghna ta' intenzjoni pozittiva indiretta) jghid hekk:**

**""When the reasonable man is used as a test of subjective recklessness the position is that if the reasonable man would have foreseen the risk, it will be accepted as a fact that the accused foresaw it, unless there is strong evidence to the contrary. But if the accused can show that in fact he did not foresee the risk, then it is illogical to characterise him as reckless on the ground that a reasonable man would have foreseen it. As Hall[51] says, *'In the determination of these questions, the introduction of the "reasonable man" is not a substitute for the defendant's awareness that his conduct increased the risk of harm any more than it is a substitute for the determination of intention, where that is material. It is a* method *used to determine those operative facts in the minds of normal persons'*.**

**"Since evidence of the accused's state of mind must normally consist of objective facts from which the jury will draw an inference as to his state of mind, the more careless the accused's behaviour the more likely it is that he will be**

---

[49] Para. 7.28, pp. 232-233.
[50] Para. 7.45, p. 241; "…negligence is inadvertent and involves an absence of such foresight."
[51] Hall, J., ***General Principles of Criminal Law*** 2nd ed., Indianapolis, 1960, p. 120.

**regarded as reckless, since the more likely it will be that he foresaw the risk involved. A man who kills another by punching him on the jaw may be believed when he says that he did not foresee the risk of death; but a man who kills another by striking him on the skull with a hatchet will be hard put to it to persuade a jury that he did not realise that what he was doing might be fatal. In *Robertson and Donoghue* Lord Justice-Clerk Cooper directed the jury that 'In judging whether…reckless indifference is present you would take into account the nature of the violence used, the condition of the victim when it was used, and the circumstances under which the assault was committed'. All these are objective factors affecting the degree of the carelessness of what the accused did, viewed as something likely to cause death. The jury proceed by way of syllogism to infer from these objective factors that the accused was subjectively reckless, and the major premise is that a reasonable man would have foreseen the risk. So they argue: all reasonable men would foresee the risk of death as a result of what the accused did; the accused is (*ex hypothesi*) a reasonable man; therefore the accused foresaw the risk."[52]**

**L-EWWEL (1) IMPUTAZZJONI**

**<u>Griehi ta' natura gravi</u>**

**<u>Artikolu 226(1)(b) tal-Kodici Kriminali</u>**

Issa meta qieset kollox, din il-Qorti se taghmel apprezzament ta' fatt u tasal ghall-konkluzjoni skont ic-cirkostanzi kollha migbura fil-process.

Il-kaz in kwistjoni jittratta incident involontarju fejn minn imkien mill-provi ma jirrizulta agir kapriccjuz tal-imputat izda agir skont

[52] Gerald Gordon, *op. cit.* para. 7.53, pp. 245-246.

kif kienet il-prassi fl-avjazzjoni.

Il-konkluzzjonijiet u r-rakomandazzjonijiet tal-Magistrat Inkwirenti[53] tefghu dawl fuq kif kienet in-*normal aviation practice* fiz-zmien tal-incident.

Il-kaz jitratta s-suggett tal-avjazzjoni fejn tenut kont il-komplessività tas-suggett in kwistjoni, hafna drabi jizvolgu sitwazzjonijiet fejn litteralment decizjonijiet iridu jittiehdu f'temp ta' *split seconds*.

Ezatt malli sehh l-incident u immedjatament wara li l-imputat hareg mill-ajruplan huwa mar dritt biex ighin u johrog lill-istudent mill-ajruplan sabiex jevita kwalsiasi perikolu li seta' kien hemm minhabba fuel u nirien.

L-istudent sofra griehi gravi liema griehi kienu gravi biss per durata minhabba frattura zghira tal-**i**scapula u l-istudent ma baqa' jsofri mill-ebda debilità permanenti.

Il-kompitu ta` din il-Qorti hu li taghmel analizi approfondita tal-provi mressqa mill-partijiet. U wara li taghmel tali ezami, trid taghmel id-domanda jekk il-prosekuzzjoni ppruvatx il-kaz taghha skont il-ligi.

Huwa vera li mhux kull kunflitt fil-provi ghandu necessarjament igib il-liberazzjoni ta` dak jew dik li jkunu gew akkuzati b'reat. Anzi, fejn hemm tali kunflitt, il-Qorti trid tkun aktar attenta fl-analizi taghha biex tara jekk hemmx xi fatt iehor rizultanti mill-atti li jista' jixhet dawl fuq ir-rizoluzzjoni tal-kawza.

[53] *a fol.* 44 u 45

Din il-Qorti hekk ghamlet u wara tali analizi tinsab f'qaghda tiddikjara illi f'dan il-kaz, mehud kollox flimkien, din il-Qorti ma tpoggietx f'pozizzjoni li fiha tista' legittimament tiddikjara l-htija tal-imputat skont il-ligi. Mehud kollox flimkien, il-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tilhaq il-grad tal-prova rikjest fil-kamp penali sabiex tigi dikjarata l-htija skont il-ligi.

Illi min-naha l-ohra meta l-Qorti ezaminat bir-reqqa x-xhieda tal-imputat minnu moghtija f'dawn il-proceduri setghet tinnota certu konsistenza f'dak li qal kif ukoll li l-attegjament u l-komportament tieghu ma taw ebda indikazzjoni li huwa ma setax jitwemmen.

Illi bhala rikapitulazzjoni din il-Qorti tghid li wara li hadet in kunsiderazzjoni x-xhieda kollha prodotti f'dan il-kaz u flietu bil-lenti ndikata mill-Artikolu 637 tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti tista' tasal biss ghal konkluzjoni wahda li ma jirrizultax li kien xi agir kapriccjuz tal-imputat bhala l-fattur li wassal għal dan l-incident.

**<u>IT-TIENI (2) IMPUTAZZJONI</u>**
**<u>Hsara involontarja</u>**
**<u>Artikolu 328(c) tal-Kodici Kriminali</u>**

L-Artikolu 328(c) tal-Kapitolu 9 jipprovdi li:

> *Kull min, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta'*

*regolamenti, jikkaġuna ħruq, jew jagħmel xi ħsara jew iħassar jew jgħarraq xi ħaġa, kif imsemmi f'dan is-sub-titolu, jeħel, meta jinsab ħati -*

*(a) jekk minħabba f'hekk tiġri l-mewt ta' persuna, il-piena stabbilita fl-artikolu 225;*

*(b) jekk minħabba f'hekk xi ħadd ibati offiża gravi fuq il-persuna, li tkun iġġib il-konsegwenzi msemmijin fl- artikolu 218, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur jew multa mhux iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċentezmu (2,329.37);*

*(c) jekk minħabba f'hekk xi ħadd ibati offiża gravi mingħajr il-konsegwenzi hawn fuq imsemmija, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur jew multa mhux iżjed minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċentezmu (1,164.69);*

Illi taht din l-imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li ghamel hsara volontarja fuq l-ajruplan tal-*parte civile*, liema hsara tiskorri l-elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin centezmu (1,164.69).

Ic-citazzjoni ma tghidx li l-imputat ikkaguna hsarat fuq ajruplan u lanqas ma ssemmi d-dettalji tal-ajruplan bin-numru ta' registrazzjoni, izda ssemmi biss danni ghad-detriment tal-European Flight Academy.

Fic-citazzjoni ssemmi li l-hsara kienet ta' izjed minn elfejn, tliet mija

u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), izda minn dan il-process ma tirrizultax prova dokumentarja ta' dawn l-ammonti tal-hsarat. Ir-rapprezentant tal-iskola xehed fil-proceduri u semma cifri approssimattivi izda ma gietx prezentata evidenza tal-hsarat li gew sofferti, u lanqas tal-valur tal-ajruplan.

L-istess xhud ighid li l-ajruplan inxtara fl-2000 prattikament gdid, izda minn fol. 138 tal-process jirrizulta li l-ajruplan gie manifatturat fl-1995 u l-incident sehh fl-2011 b'dan li allura fid-data tal-incident l-ajruplan kellu circa 16-il sena.

Ma gie pprezentat l-ebda surveyor's report dwar l-ajurplan u ma rrizultax li tqabbad espert sabiex jaghti stima ta' kemm kien il-*market value* fid-data tal-incident u x'tip ta' hsarat sofra l-ajruplan, i.e. jekk kienx *beyond economical repair* jew le.

Il-Qorti ma tifhimx kif f'kawza fejn qed tigi allegata hsara ma titressaqx il-prova permezz ta' stima, jew prova tal-valur tal-oggett.

> *Il-Gudikant għandu jezamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbagħad jiddeciedi l-kawza abbazi tal-ligi applikabbli, tal-gurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvincenti u korroboranti.*[54]

Il-*Prosekuzzjoni* naqset milli ggib dik il-prova li turi li European Flight Academy sofrew hsara fl-ammont minnhom pretiz.

[54] Appell Civili Numru. 140/1991/2 - **Norbert Agius v. Anthony Vella et., deciz** fil-25 ta' April, 2008 mill-Prim Imhallef Vincent De Gaetano u l-Imhallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti.

Din il-Qorti tirrimarka li x-xhieda li ngabet ma tammontax ghall-ahjar prova ghaliex hija biss opinjoni *ex parte* u mhux ta' perit nominat mill-qorti.

Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza Il- **Pulizija –vs- Joseph Zahra** App Krim 24.2.2003 fejn intqal li:

> *"din ma tammontax ghall-ahjar prova ghaliex hija biss opinjoni ex parte u mhux ta' perit nominat mill-qorti. Naturalment kull kaz ghandu dejjem ikun deciz fuq il-fatti in ispeci tieghu u meta jitqies illi l-kwerelant esebixxa biss stima li anqas biss tiddiskrivi t-tiswija li ghandha ssir u minghajr ma ressaq lil min ghamilha sabiex jikkonferma d-dokument, allura din il-Qorti ma tistax ma tqisx l-istess bhala opinjoni ex parte."*

Illi m'hemmx dubju ghalhekk li t-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat ma gietx sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat mhux ser jinstab hati taghha.

**IT-TIELET (3) IMPUTAZZJONI**

**<u>Low Flying</u>**

**<u>Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u fir-regolament 62 tal-Avviz Legali numru 176 tas-sena 1990 hekk kif sussegwentement emendat u kif ukoll tar-regolament 5(1) tat-</u>**

**<u>Tieni Sezzjoni tat-Tlettax-il Skeda tal-Avviz Legali 176 tas-sena 1990 hekk kif sussegwentement emendat</u>**

L-imputat gie akkuzat ukoll talli fi zminijiet differenti kkommetta *low flying,* li tajjar ajruplan f'gholi ta' inqas minn 500 pied mill-art jew mill-bahar u ghalhekk kiser ir-regolament 5(1)(c) tal-Iskeda Tlettax tal-L.S. 499.09.

L-imputat iddikjara illi filwaqt illi waqt il-hin tal-incident l-ajruplan kien qed jittajjar b'iktar minn 500 pied minn fuq l-art, mill-banda l-ohra huwa ma jichadx li kien hemm istanzi ohra, fejn waqt ezercizzju partikolari fil-lezzjoni huwa ghamel dan il-*low flying*.

L-imputat isostni li dan huwa dejjem ghamlu waqt li kien qed jaghti lezzjoni, u bl-iskop li jghallem lill-istudent li jkun kapaci isalva lilu nniffsu u lill-passiggieri ta' mieghu f'kaz ta' emergenza.

Huwa jichad li huwa qatt ghamel dawn il-manuvri b'mod kapriccjuz kif inghad fil-konkluzzjonijiet tal-inkjesta.

Il-Magistrat Inkwirenti stess li fil-konkluzzjoni tieghu jiddikjara li l-*low flying* hija prattika li ssir de facto ghal skopijiet legittimi ghall-otteniment tal-licenzja tal-avjazzjoni.[55]

Ghalhekk l-imputat kien qed jimxi mal-prassi fl-avjazzjoni li kienet adoperata minn kulhadd fil-qasam. Mhux talli hekk, talli l-istess Magistrat Inkwirenti jifhem dan il-bzonn u sahansitra jissuggerixxi li jkun hemm zoni ad hoc sabiex isir dan il-*low flying*: *"fil-kors tal-indagini irrizulta illi* ***hadd f'Malta ma ghandu permess bil-miktub***

[55] a fol. 44

***ghal low flying minkejja li de facto isir low flying naturalment ghall-iskop legittimu ghall-openiment tal-licenzji mahruga mic-Civil Aviation Directorate***[56]. *Il-prassi hija accettata sal-punt li anke it-Torri tal-Kontroll ma jara ebda raguni ghaliex ghandu jaghmel kuntatt mal-ajruplan meta dan ma jibqax jidher fuq ir-radar meta fl-inhawi tal-korsa taz-zwiemel jew il-Heliport fuq Ghawdex."*[57]

Il-Magistrati Inkwirenti irrakkomanda lic-*Civil Aviation Directorate*: *"sabiex jidentifika area/s idonei ghall-low flying sabiex ikun jista' jsir tali ezercizzju in ottempranza mal-Exercise 16 ghall-licenzja PPL SEP ghal kull min japplika ghal tali permess u li tali area/s ikunu debitament mmarkati u senjalati ……"*[58]

L-imputat spjega fix-xiehda tieghu quddiem din il-Qorti li t-tahrig li ha hu stess f'Malta u f'barra minn Malta wkoll kien jinvolvi ezercizzji li fihom kien isir *low flying*.

L-istess ligi tal-Avjazzjoni tistipola fit-Tlettax il-Skeda tal-L.S. 499.09, regolament 5(3) u 5(4) li:

*"(3) Nothing in this rule shall prohibit an aircraft from flying in such a manner as is necessary for the purpose of saving life.*

*(4) Nothing in this rule shall prohibit any aircraft from flying <u>in accordance with normal aviation practice</u>, for the purpose of taking off from, <u>landing at or practising approaches</u> to, landing at, or checking navigational aids or procedures at, a Government aerodrome or a licensed aerodrome in Malta or at any aerodrome in any other country:*

[56] Sottolinear tal-Qorti
[57] a fol. 44
[58] a fol. 45

*Provided that the practising of approaches to landing shall be confined to the airspace customarily used by aircraft when landing or taking off in accordance with normal aviation practice at the aerodrome concerned."*

Dawn iz-zewg regolamenti juru kif il-legislatur stess gharaf li f'kaz ta' emergenza il-pilot ghandu jkun ezenti mir-regola tal-*low flying* b'dan li ghandu jkun liberu li jopera l-ajruplan bl-ahjar mod possibbli biex jevita tragedja. L-istess legislatur jaghraf ukoll illi tezisti "*normal aviation practice*" li f'certu kazi bhal f'dan is-sub-regolament tiehu precedenza fuq ir-regoli ai fini ovvjament ta' "*practising approaches*", ossia ta' tahrig.

Mhux kontestat il-fatt li l-incident sehh waqt lezzjoni fejn l-imputat kien qed jghallem lill-istudent Sandro Barbara dan it-tip ta' *forced landing*, kif ukoll tal-fatt li l-Magistrat inkwirenti stess jaccetta li dan it-tip ta' low flying kien *normal aviation practice*.

L-intenzjoni tal-imputat bhala instructor kienet li jghallem il-*forced landings* u biex jaghmel dan ried necessarjament ikun hemm certu *low flying.* L-intenzjoni kienet li huwa jghallem lill-istudent li fil-futur jekk xi darba jigi f'sitwazzjoni ta' emergenza jkun jaf jirreagixxi. L-intenzjoni f'kull kaz trid tigi dedotta mic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, u fil-kaz odjern jidher b'mod car li l-intenzjoni tal-imputat kienet li l-istudent jitghallem u jigi mharreg sabiex fil-futur jekk ikollu kaz ta' emergenza jkun jaf kif ghandu jsuq l-ajruplan.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tad-difiza saret referenza ghall-kawza fl-ismijet ***Il-Pulizija vs Fiona Burrows u Nicholas Barbara*** deciza

mill-Qorti tal-Magistrati nhar l-24 ta' Gunju 2015. Dawn il-proceduri kienu bdew kontra l-imputati wara proceduri ta' challenge li gew milqugha, wara li l-imputati kienu gew fotografati fil-pussess ta' ghasafar protetti liema pussess huwa illegali. Fil-kaz odjern il-Qorti tal-Magistrati kienet illiberat lill-imputati nonostante li kienu fil-pussess ta' ghasafar protetti ghaliex gie argumentat li l-intenzjoni taghhom ma kinitx wahda illegali izda l-agir taghhom kien intiz li jedukaw il-poplu.

Din il-Qorti wara analizi tal-provi quddiemha tinsab f'qaghda tiddikjara illi f'dan il-kaz, mehud kollox flimkien, din il-Qorti ma tpoggietx f'pozizzjoni li fiha tista' legittimament tiddikjara l-htija tal-imputat skont il-ligi fejn tidhol din l-imputazzjoni.

**DECIDE**

Ghaldqstant din il-Qorti ghal dawn il-mottivi u wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe' l-Artikoli 17, 18, 226(1)(b), 328(c) u 553 tal-Kapitolu 9 u regolament 62 tal-Avviz Legali numru 176 tas-sena 1990 hekk kif sussegwentement emendat u kif ukoll tar-regolament 5(1) tat-Tieni Sezzjoni tat-Tlettax-il Skeda tal-Avviz Legali 176 tas-sena 1990 hekk kif sussegwentement emendat tal-Ligijiet ta' Malta tiddeciedi li ma ssibx lill-imputat Cleaven Ray Mizzi hati u tilliberah mill-akkuzi kollha migjuba kontrih.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**